4 ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE[5], u b'mod partikolari l-Artikoli 85 u 86 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0065/2025),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj.

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj.

62. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2030(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05755/2025 – C10-0024/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

---

1 ĠU C, C/2024/6332, 24.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6332/oj.
2 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE[5], u b'mod partikolari l-Artikoli 85 u 86 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0065/2025),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj.

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj.

63. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2030(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ippprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05755/2025 – C10-0024/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod

---

1 ĠU C, C/2024/6332, 24.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6332/oj.
2 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta’ Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali[5], u b’mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta’ Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b’mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0065/2025),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t’hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/168/oj.

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj.

64. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2030(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05755/2025 – C10-0024/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

---

1 ĠU C, C/2024/6332, 24.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6332/oj.
2 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta’ Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali[5], u b’mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta’ Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b’mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0065/2025),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/168/oj.

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj.

65. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2030(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ippprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05755/2025 – C10-0024/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod

---

1 ĠU C, C/2024/6332, 24.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6332/oj.
2 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0065/2025),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj.

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj.

66. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2030(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 2025 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 (05755/2025 – C10-0024/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod

---

1 ĠU C, C/2024/6332, 24.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6332/oj.
2 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624[5], u b’mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta’ Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b’mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0065/2025),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj.

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj.

67. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ Mejju 2025 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2030(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta’ Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0065/2025),

A. billi l-aġenziji tal-UE [1] huma entitajiet ġuridiċi distinti li ġew stabbiliti biex iwettqu kompiti speċifiċi fil-qasam tekniku, xjentifiku jew maniġerjali li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jfasslu u jimplimentaw il-politiki; billi huma jinsabu fi Stati Membri differenti u għandhom influwenza sinifikanti f'oqsma ta' importanza essenzjali għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, bħas-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà, il-libertà u l-ġustizzja;

B. billi din ir-riżoluzzjoni tinkludi, għal kull korp skont it-tifsira tal-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u għall-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, l-osservazzjonijiet trażversali li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' kwittanza f'konformità mal-Artikolu 268 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-Artikolu 3 tal-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew;

C. billi l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni u l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għandhom jiffukaw fuq missjonijiet b'valur miżjud Ewropew ċar u l-organizzazzjoni ta' dawn il-missjonijiet għandha tiġi ottimizzata biex jiġu evitati duplikazzjonijiet fl-aħjar interessi tal-kontribwenti tal-Unjoni;

D. billi fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza għandha l-għan li tenfasizza l-importanza sinifikanti li ttejjeb il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; billi dan jinvolvi t-titjib tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' baġitjar abbażi tal-prestazzjoni u l-iżgurar ta' governanza tajba tar-riżorsi umani;

E. billi l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll baġitarju hija bbażata fuq żewġ prinċipji: minn naħa waħda, l-iżgurar li l-baġit tal-Unjoni jintefaq kif suppost u b'mod trasparenti, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni flimkien mal-ġlieda kontra l-frodi;

F. billi, fl-2012, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea adottaw "Dikjarazzjoni Konġunta" u sett komprensiv ta' prinċipji gwida – "Approċċ Komuni" [3] – biex l-aġenziji

---

1 Hemm tliet tipi ta' aġenziji tal-UE: aġenziji deċentralizzati, aġenziji eżekuttivi u korpi oħra.

2 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

3 Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati ta' Lulju 2012: https://european-union.europa.eu/document/download/d4199ff4-1e3d-45e6-af7e-90cf1a7b10bc_en?filename=joint_statement_on_decentralised_agencies_en.pdf.

jsiru aktar koerenti, effettivi u responsabbli; billi l-Kummissjoni impenjat ruħha li ssegwi dan il-ftehim, meta rilevanti f'kooperazzjoni mal-aġenziji;

G. billi filwaqt li jirrikonoxxu l-karattru legalment mhux vinkolanti tad-Dikjarazzjoni Konġunta u tal-Approċċ Komuni fl-anness tagħha, u mingħajr preġudizzju għall-attributi tagħhom fil-proċeduri baġitarji leġiżlattivi u annwali, l-istituzzjonijiet se jqisu dan l-Approċċ Komuni fil-kuntest tad-deċiżjonijiet futuri kollha tagħhom dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni, wara analiżi każ b'każ;

Ġenerali

1. Jinnota li hemm tliet tipi ta' aġenziji tal-UE, aġenziji deċentralizzati, aġenziji eżekuttivi u korpi oħra;

2. Ifakkar li din ir-riżoluzzjoni tkopri 31 mit-33 aġenzija deċentralizzata u tnejn mill-erba' korpi l-oħra (l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), u l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA)); jenfasizza li l-proċedura baġitarja u l-proċedura ta' kwittanza għal żewġ aġenziji deċentralizzati ffinanzjati bis-sħiħ minnhom infushom, jiġifieri l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), huma amministrati mill-Kunsill Amministrattiv tas-CPVO u mill-Kumitat Baġitarju tal-EUIPO, rispettivament, u mhumiex parti minn din ir-riżoluzzjoni; jinnota li, bl-istess mod, il-proċedura baġitarja u ta' kwittanza annwali tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) hija biss taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tiegħu; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat użu effiċjenti tar-riżorsi Ewropej; f'konformità mal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), jitlob evalwazzjoni bir-reqqa tal-aġenziji deċentralizzati, bil-għan li jiġu vvalutati r-riformi possibbli, tiġi eliminata d-duplikazzjoni tal-isforzi, tissaħħaħ l-effiċjenza u jinkiseb l-iffrankar tal-ispejjeż; ifakkar fl-importanza li jissaħħu l-istrutturi ta' governanza filwaqt li jiġi żgurat li l-aġenziji jibqgħu effettivi u jwieġbu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu;

3. Jenfasizza l-importanza tal-proċedura ta' kwittanza peress li mhijiex biss obbligu bbażat fuq it-trattat, iżda tippromwovi u għandha l-għan ukoll li tiżgura t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u d-djalogu miftuħ dwar il-finanzi tal-Unjoni; jinnota li tagħti wkoll lill-aġenziji l-possibbiltà li juru xogħolhom u l-valur miżjud tagħhom lill-Unjoni u liċ-ċittadini tagħha; jisħaq, barra minn hekk, li l-aġenziji jipprovdu tweġibiet għall-kwestjonarji mibgħuta mill-Parlament u huma mistiedna għal seduti pubbliċi mill-awtorità ta' kwittanza u li dan jagħti liċ-ċittadini, lill-kumpaniji, lill-NGOs u lil partijiet ikkonċernati oħra l-possibbiltà li jsegwu l-laqgħat u jkollhom il-garanzija li d-dħul u l-infiq ikunu konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

4. Iqis li l-kunċett ta' għoti ta' kwittanza minn awtorità ta' kwittanza interna bħal fil-każ tal-EUIPO, tas-CPVO u tal-SRB jista'

potenzjalment iwassal għal kunflitt ta' interess; jemmen li l-kwittanza mogħtija mill-Parlament tevita l-potenzjal ta' kunflitti ta' interess u tikkontribwixxi għat-trasparenza u għall-immaġni pubblika tal-aġenziji;

5. Huwa tal-fehma li, minkejja l-qafas legali, l-istess prinċipji ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza għandhom jiġu applikati għall-korpi kollha relatati mal-UE;

6. Ifakkar fil-punt 58 tal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji ffinanzjati bis-sħiħ minnhom infushom biex jiġi żgurat l-iskrutinju pubbliku mill-Parlament li jiddikjara: "Għandhom jiġu esplorati l-possibbiltajiet biex jiġi żgurat obbligu ta' rendikont għall-aġenziji ffinanzjati bis-sħiħ minnhom infushom (jiġifieri ffinanzjati mill-klijenti tagħhom), peress li huma korpi tal-Unjoni inkarigati mill-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE iżda mhux soġġetti għal kwittanza skont it-tifsira tat-TFUE. Possibbiltà tista' tkun li l-aġenziji inkwistjoni, jippreżentaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħhom u jikkunsidraw talbiet jew rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Parlament u mill-Kunsill.";

7. Jirrimarka li filwaqt li l-istabbiliment jew l-espansjoni tal-aġenziji tal-UE huma maħsuba biex itejbu l-kapaċitajiet tal-Unjoni, huwa kruċjali li jiġi żgurat li dan il-proċess ikun iggwidat minn evalwazzjonijiet bir-reqqa, valutazzjonijiet tal-impatt u turija ċara tal-valur miżjud; biex ikunu jistgħu jittieħdu tagħlimiet u biex tingħata kunsiderazzjoni lit-terminazzjoni tal-mandat tagħhom jekk ikun meħtieġ; jenfasizza li dan l-approċċ mhux biss jiżgura regolamentazzjoni aħjar iżda jtejjeb ukoll l-effettività, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-koerenza tax-xenarju istituzzjonali tal-Unjoni;

8. Ifakkar li l-punt 60 tal-Approċċ Komuni jiddikjara li kull aġenzija tal-UE għandha tiġi evalwata kull 5 snin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora aktar sinerġiji u konsolidazzjoni fl-attivitajiet, u l-amalgamazzjoni possibbli tal-aġenziji ma' attivitajiet komplementari, sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività u jiġu ssimplifikati l-funzjonijiet tal-aġenziji, inklużi rieżamijiet potenzjali tal-mandat fejn jeżistu ineffiċjenzi jew ridondanzi; jinkoraġġixxi l-applikazzjoni tal-klawżola ta' estinzjoni/rieżami fejn meħtieġ biex tinżamm l-effiċjenza u jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi; jemmen li l-effiċjenza baġitarja hija essenzjali għall-funzjonament tal-aġenziji; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 22/2020 [1] li tagħti parir lill-Kummissjoni biex iżżid l-użu ta' evalwazzjonijiet trażversali tal-aġenziji fil-kuntest tal-kontrolli tal-idoneità mill-Kummissjoni tal-oqsma ta' politika

---

[1] "Future of EU agencies – Potential for more flexibility and cooperation" (Il-futur tal-aġenziji tal-UE – Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni) https://op.europa.eu/webpub/eca/special-reports/agencies-performance-audit-22-2020/en/.

differenti;

9. Jafferma mill-ġdid l-importanza tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni fl-aġenziji kollha tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja effettiva; jenfasizza li l-aġenziji jeħtiġilhom iżommu strettament mal-mandati tagħhom; jirrikonoxxi li xi aġenziji jistgħu jirrikjedu mandat imsaħħaħ; jitlob li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' governanza biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompetenzi u tittejjeb l-effiċjenza operattiva;

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' riżorsi suffiċjenti biex jiġi żgurat li l-aġenziji jkunu kapaċi jwettqu kompiti ġodda meħtieġa minnhom minn leġiżlazzjoni ġdida;

11. Jenfasizza l-importanza li l-aġenziji jsaħħu l-preżenza tagħhom fil-media, fuq l-Internet, u fil-media soċjali kollha biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-ħidma tagħhom;

12. Jindika l-konfużjoni dejjem tikber li tirriżulta mill-għadd kbir ta' każijiet fejn l-ismijiet u l-akronimi tal-aġenziji jkunu jew identiċi jew kważi identiċi; jistieden lill-korpi rispettivi jesploraw modi kif itejbu s-sitwazzjoni;

Governanza

13. Ifakkar li l-Approċċ Komuni [1] jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istruttura ta' governanza tal-aġenziji deċentralizzati; jirrikonoxxi l-progress li sar mill-aġenziji tal-UE fit-titjib tal-ġestjoni finanzjarja u l-istrutturi ta' governanza filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' aktar titjib fl-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont; ifakkar li l-bordijiet ta' tmexxija tal-aġenziji deċentralizzati kollha għandhom rwol kruċjali biex jiżguraw governanza tajba u obbligu ta' rendikont; ifakkar li l-Approċċ Komuni jissuġġerixxi li l-bord ta' tmexxija għandu jikkonsisti minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, membru wieħed iddeżinjat mill-Parlament Ewropew (meta jkun xieraq), u għadd "pjuttost limitat" ta' rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati (meta jkun xieraq), filwaqt li jiġi żgurat li jirreflettu firxa varja ta' interessi u l-proċess ta' selezzjoni tagħhom kien trasparenti;

14. Josserva li l-istruttura ta' governanza tal-aġenziji deċentralizzati hija ġeneralment pjuttost simili għall-aġenziji kollha; jinnota li kollha kemm huma għandhom Bord ta' Tmexxija/Amministrattiv u Direttur; jinnota li disa' aġenziji għandhom Bord Eżekuttiv (is-Cedefop, l-EUDA, l-ENISA, l-ERA, l-EU-OSHA, il-Eurofound, il-Eurojust, l-FRA, l-

---

[1] L-Approċċ Komuni mhuwiex legalment vinkolanti; l-istituzzjonijiet qablu li jqisu dan meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-aġenziji deċentralizzati.

EIT) [1] filwaqt li l-aġenziji relatati mal-programm spazjali tal-Unjoni Ewropea biss għandhom Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà; jinnota, barra minn hekk, li ġie stabbilit Bord tar-Regolaturi jew tas-Superviżuri mit-tliet awtoritajiet Superviżorji Ewropej (l-Awtorità Bankarja Ewropea, (l-EBA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (l-EIOPA) u żewġ aġenziji fil-grupp tas-suq uniku (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-ACER), u l-Aġenzija għall-Appoġġ għall-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC);

15. Ifakkar li l-bordijiet ta' tmexxija tal-Eurofound, tas-Cedefop u tal-EU-OSHA għandhom struttura tripartitika; jinnota li kull Stat Membru huwa rrappreżentat f'kull bord minn gvern, minn impjegatur u minn membru tat-trade unions (total ta' 81 rappreżentant); jinnota li l-Kummissjoni għandha tliet rappreżentanti, u li hemm espert indipendenti (mingħajr drittijiet tal-vot) maħtur mill-Parlament Ewropew; ifakkar fid-daqs iżgħar tal-bord ta' tmexxija tal-ETF, li jinkludi 27 rappreżentant mill-Istati Membri (mingħajr sħab soċjali), tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni (li jikkondividu vot wieħed fil-Bord), tliet esperti maħtura mill-Parlament (meta mqabbla ma' wieħed għal kull aġenzija tripartitika), u tliet rappreżentanti tal-pajjiżi sħab maħtura mill-Kummissjoni [2];

16. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-Eurofound, tas-Cedefop, tal-ETF u tal-EU-OSHA dwar l-istruttura ta' governanza tripartitika (il-Eurofound, is-Cedefop u l-EU-OSHA); josserva li l-istruttura tripartitika tipprovdi benefiċċji bħar-rappreżentanza, id-direzzjoni strateġika u l-kondiviżjoni tal-għarfien iżda d-daqs u d-diversità tal-bordijiet ta' tmexxija jippreżentaw sfidi biex jiġu ġestiti l-kompromessi fuq deċiżjonijiet kummerċjali u amministrattivi ewlenin; jirrimarka li l-evalwazzjoni qieset mudelli alternattivi ta' governanza biex is-sħab soċjali jiġu involuti b'mod aktar effiċjenti; jenfasizza ż-żieda fil-potenzjal għall-iffrankar u s-sinerġiji fl-attivitajiet ta' dawn l-aġenziji; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sorveljanza finanzjarja rigoruża tal-aġenziji tal-UE biex tiġi żgurata l-kosteffettività u jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi pubbliċi; jissottolinja l-

---

1 Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.

2 Evaluation of EU Agencies: Eurofound, Cedefop, ETF and EU-OSHA (Evalwazzjoni tal-Aġenziji tal-UE: il-Eurofound, is-Cedefop, l-ETF u l-EU-OSHA) SWD(2024) 222 final, p. 42, https://www.parlament.gv.at/dokument/XXVII/EU/198502/imfname_11414247.pdf.

ħtieġa ta’ approċċ responsabbli u bbażat fuq il-ħtiġijiet għall-finanzjament tal-aġenziji, li jipprevjeni l-espansjoni burokratika filwaqt li jiżgura li l-aġenziji jkollhom riżorsi adegwati biex jissodisfaw il-mandati tagħhom;

17. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tar-rapport dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u s-sejbiet tiegħu li jqisu dak ir-regolament xieraq għall-iskop tiegħu, inkluż rieżami tal-Korp Permanenti ppubblikat fi Frar 2024: jinnota li filwaqt li r-regolament jipprovdi qafas għal ġestjoni effettiva tal-fruntieri, għad hemm sfidi fil-governanza, l-obbligu ta’ rendikont u l-effiċjenza; jirrikonoxxi li l-istruttura ta’ governanza tirrikjedi aġġustamenti biex jiġi żgurat li l-Frontex tkun tista’ timplimenta bis-sħiħ il-mandat tagħha, inkluż l-indirizzar tal-bilanċ tar-rappreżentanza fil-bord maniġerjali, is-simplifikazzjoni tal-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-evitar ta’ responsabbiltajiet sovrapposti; jilqa’ l-istruttura organizzattiva l-ġdida adottata mill-bord maniġerjali f’Novembru 2023 bħala pass lejn it-titjib tal-governanza, il-koordinazzjoni strateġika u l-allokazzjoni tar-riżorsi; jirrikonoxxi l-ineffiċjenzi amministrattivi enfasizzati fir-rapport ta’ evalwazzjoni, b’mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri ta’ rimborż u l-ostakli burokratiċi li jiffaċċjaw l-Istati Membri meta jibagħtu persunal lejn il-Frontex; jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tissimplifika dawn il-proċessi biex tnaqqas il-piżijiet bla bżonn fuq l-awtoritajiet nazzjonali; jinnota l-importanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapport annwali tal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali (FRO); filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar, jistieden lill-Frontex tkompli ssaħħaħ it-trasparenza, tikkoopera bis-sħiħ mal-investigazzjonijiet u timplimenta miżuri li jiżguraw il-forom ta’ protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tagħha;

18. Jisħaq li approċċ ibbilanċjat, li jgħaqqad il-kontroll effettiv tal-fruntieri ma’ salvagwardji robusti tad-drittijiet fundamentali, huwa essenzjali biex tinżamm żona Schengen sigura u qafas kredibbli għall-ġestjoni tal-migrazzjoni għall-Unjoni; itenni, għalhekk, l-importanza ta’ taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali strutturali u kontinwu għall-uffiċjali tal-Korp Permanenti (Frontex), filwaqt li jiġu żgurati l-għarfien u l-konformità tagħhom mal-obbligi u l-istandards rilevanti tad-drittijiet fundamentali u mad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u d-dritt umanitarju [2]; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li jiġi rrapportat ksur tad-drittijiet fundamentali, meta

---

1 Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).

2 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:52024DC0075 – parti 3.

wieħed jara tali ksur, permezz tal-ħruġ ta’ Rapporti ta’ Inċidenti Serji;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

19. Jinnota li d-dħul finali totali għall-2023 (wara l-baġits emendatorji) u ċ-ċifri komparattivi għall-2022 għat-33 aġenzija tal-UE li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni kellhom it-tqassim li ġej [1]:

	Dħul għall-2023 (EUR)	Dħul għall-2022 (EUR)	Δ (%)
ACER	29 582 967	24 827 843	19,15
BEREC	7 697 265	7 428 456	3,62
CDT ([1])	47 140 900	48 721 800	– 3,24
CEDEFOP	20 140 610	18 434 420	9,26
CEPOL	14 211 723	13 805 510	2,94
EASA ([2])	169 665 375	163 367 860	3,85
EBA	52 672 002	50 315 014	4,68
ECDC	102 526 724	112 796 588	– 9,10
ECHA	123 280 140	116 981 740	5,38
EEA	76 114 130	92 863 021	– 18,04
EFCA	30 862 554	35 734 297	– 13,63
EFSA	148 954 729	134 773 287	10,52
EIGE	9 358 919	8 432 920	10,98
EIOPA	36 714 492	34 571 120	6,20
EIT	367 607 241	448 920 650	– 18,11
ELA	39 973 330	34 689 842	15,23
EMA	448 603 000	421 815 000	6,35
EUDA	22 082 074	18 839 136	17,21

[1] Data skont id-dikjarazzjonijiet tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2023 kif ippubblikati fil-ĠU għal kull aġenzija individwali.

(EMCDDA)			
EMSA	111 954 231	115 807 270	– 3,33
ENISA	25 183 495	39 207 625	– 35,77
ERA	38 532 447	33 983 956	13,38
ESA	258 160	167 000	54,59
ESMA	72 509 657	68 068 551	6,52
ETF	28 542 956	25 051 848	13,94
EUAA	170 135 127	168 842 192	0,77
EU-LISA	300 524 142	296 508 265	1,35
EU-OSHA	17 038 950	16 405 100	3,86
EUROFOUND	25 369 931	22 438 000	13,07
EUROJUST	59 324 460	49 086 843	20,86
EUROPOL	212 925 809	197 759 722	7,67
EUSPA	76 922 866	65 392 492	17,63
FRA	26 191 031	25 857 952	1,29
FRONTEX	829 352 752	693 122 858	19,65
TOTAL	**3 741 954 189**	**3 605 018 178**	3,80
(1) Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti mnaqqas. (2) Korrezzjonijiet baġitarji li jikkorrispondu għal surplus akkumulat imnaqqas.			

20. Jenfasizza li ż-żieda fid-dħul bejn l-2022 u l-2023 kienet sinifikanti f'xi aġenziji, billi tirrappreżenta 54,59 % għall-ESA, 20,86 % għall-Eurojust, 19,65 % għall-Frontex u 19,15 % għall-ACER; jilqa' ż-żieda fil-finanzjament għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;

21. Jinnota li fl-ESA ż-żieda hija prinċipalment dovuta għall-iżvilupp kontinwu tas-sistema tal-IT tal-Osservatorju Nukleari u tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-ESA (NOEMI) u l-forniment ta' servizzi tal-kontabbiltà lill-aġenzija; fil-Eurojust, iż-żieda hija prinċipalment dovuta għar-riżorsi addizzjonali meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti miżjuda minn tliet proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti u l-

impatt partikolarment sever tal-inflazzjoni [1]; fil-Frontex, iż-żieda fil-baġit għandha l-għan li tkompli tibni l-Korp Permanenti tal-gwardji tal-fruntiera, inkluż it-tagħmir [2]; fil-każ tal-ACER, iż-żieda hija prinċipalment dovuta għall-kompiti addizzjonali delegati fir-regolamenti riveduti ppjanati dwar l-infrastruttura tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan [3], l-indiċjar tar-remunerazzjoni annwali relatat, spejjeż legali ogħla u allokazzjoni baġitarja ogħla derivata minn tariffi għal proġetti speċifiċi;

22. Jirrikonoxxi t-tweġiba għall-mistoqsija bil-miktub li tindika li r-riporti tal-Frontex (45 % fl-2023) huma marbuta maċ-ċiklu operatorju tagħha, li ma jallinjax ruħu mas-sena kalendarja u ma jistax jiġi aġġustat faċilment peress li jinvolvi lill-Istati Membri kollha; huwa konxju li l-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-Unjoni għas-sigurtà huma l-ispjegazzjonijiet applikati biex jiżdied il-baġit tal-Frontex; jinsisti li huwa essenzjali li jiġu żgurati riżorsi adegwati għall-funzjonament effettiv tal-Frontex, filwaqt li jiġi vvalutat kontinwament jekk il-baġit tagħha huwiex adattat għall-iskop tiegħu u jekk jagħtix riżultati; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi mmonitorjat il-progress fil-kapaċità ta' assorbiment tal-aġenzija, b'mod partikolari permezz tar-reklutaġġ ta' persunal tal-gwardja tal-fruntiera u tal-kosta, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' ppjanar sod biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħha; jistieden, barra minn hekk, lill-EUAN jikkollabora mal-aġenziji u mal-Qorti biex jiżviluppa preżentazzjoni standardizzata tar-riporti li tallinja ruħha aħjar mal-prinċipju tal-annwalità tar-Regolament Finanzjarju;

23. Ifakkar li l-maġġoranza tal-aġenziji tal-UE jirċievu l-finanzjament tagħhom kompletament minn kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni; jinnota, madankollu, li xi aġenziji huma ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz ta' sorsi alternattivi ta' dħul, inklużi ċertifikati, awtorizzazzjonijiet, reġistrazzjoni ta' sustanzi, kontribuzzjonijiet, ġbir tad-data, sorveljanza tas-suq, superviżjoni, u servizzi oħra bħat-traduzzjoni u t-terminoloġija kif ipprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT);

24. Jirrikonoxxi, b'mod speċifiku, li:

– l-aġenziji parzjalment iffinanzjati minnhom infushom jinkludu l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-EASA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (l-ERA), l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-ACER), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (l-ECHA), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (l-EMA);

– l-aġenziji ffinanzjati bis-sħiħ minnhom infushom jinkludu s-CdT;

---

1 Dokument ta' ħidma III abbozz tal-baġit 2023, p. 24.
2 Dokument ta' ħidma III abbozz tal-baġit 2023, p. 26.
3 Dokument ta' ħidma III abbozz tal-baġit 2023, p. 21.

kif ukoll

– l-aġenziji parzjalment kofinanzjati mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jinkludu l-Awtorità Bankarja Ewropea (l-EBA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (l-EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA);

25. Jinnota li għall-2023, is-sors ta' finanzjament għall-aġenziji ffinanzjati minnhom infushom li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni kellu t-tqassim li ġej:

	Dħul għall-2023 (EUR)	Sussidju mill-UE (EUR)	%	Dħul proprju (EUR)	%	Oħrajn (EUR)
ACER	29 576 964	19 418 599	66	10 158 245	34	120
CDT	47 140 900	0	0	46 295 800	98	845 100
EASA	169 665 375	44 329 433	26	120 937 434	71	4 398 508
EBA	52 672 002	19 428 306	37	31 479 331	60	1 764 364
ECHA	123 280 140	81 274 568	66	33 107 484	27	8 898 088
EIOPA	36 714 492	13 470 715	37	22 086 958	60	1 156 819
EMA	448 603 000	50 027 000	11	398 209 000	89	367 000
ERA	38 532 447	27 418 274	71	10 312 858	27	801 315
EMSA	72 509 657	18 588 578	26	52 224 114	72	1 696 965
TOTAL	**1 018 694 977**	**273 955 473**		**724 811 224**		**19 928 279**

26. Jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-ACER), l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (lEASA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (l-ECHA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (l-ERA), u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA) huma legalment meħtieġa jidentifikaw u jqisu b'mod separat l-ispejjeż tal-attivitajiet iffinanzjati mid-dħul proprju; jinnota li dawn l-aġenziji għandhom stabbiliti sistemi biex jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit u jinnota li ċerti aġenziji bħall-EMA, l-EASA u l-ERA jmorru lil hinn minn dawn ir-rekwiżiti;

27. Josserva li r-regolamenti fundaturi għat-tliet awtoritajiet superviżorji Ewropej (l-EBA, l-EIOPA u l-ESMA – bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati minn tariffi superviżorji) jistabbilixxu li, inizjalment, il-kontribuzzjonijiet li jirċievu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

għandhom jammontaw għal 60 % tal-baġits tagħhom, bl-40 % li jifdal jiġu mill-baġit tal-Unjoni; jinnota li dan l-arranġament jirrifletti t-taħlita ta' kompiti regolatorji, li huma xierqa għall-finanzjament tal-UE, u għall-kompiti ta' konverġenza superviżorja, li huma xierqa għall-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fil-mandati tat-tliet awtoritajiet; jenfasizza li, minħabba n-nuqqas ta' delineazzjoni ċara bejn l-attivitajiet iffinanzjati miż-żewġ sorsi fir-regolamenti fundaturi, dawn l-awtoritajiet ma jagħmlux differenza bejn il-kostijiet koperti mis-sussidju tal-baġit tal-Unjoni u dawk koperti mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali;

28. Jistieden lill-EBA, lill-EIOPA u lill-ESMA jiżviluppaw din il-kapaċità biex jidentifikaw u jqisu separatament l-ispejjeż tal-attivitajiet li jiġġeneraw kull wieħed mill-flussi ta' dħul tagħhom stess sabiex itejbu t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom u l-kwalità tal-informazzjoni li jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati fir-rigward tad-defiċits jew tas-surpluses li tali attivitajiet jipproduċu;

29. Jinnota li s-CdT għandu sistema stabbilita biex jimmonitorja l-ispiża ta' kull attività u prodott li jiġġenera d-dħul tiegħu stess, u b'hekk ikun jista' jikkalkula l-profitti jew it-telf; jenfasizza li fl-2023, 10 mis-17-il prodott ewlieni tas-CdT irrapportaw telf li jammonta għal EUR 3,4 miljun;

30. Jissottolinja li matul l-aħħar 10 snin, is-CdT esperjenza 7 snin ta' defiċits baġitarji u 6 snin ta' telf kontabilistiku minħabba volumi dejjem jonqsu ta' negozju; jieħu nota li, biex jiġi indirizzat it-tnaqqis fil-volumi tan-negozju, is-CdT kien qed juża riżerva speċjali li ġiet stabbilita fl-2011 biex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-baġit u tal-prezzijiet; jinnota li din ir-riżerva laħqet massimu ta' EUR 15,6-il miljun fl-2014, sussegwentement naqset għal EUR 10,3 miljun fl-2022 u EUR 8,9 miljun fl-2023; huwa konxju li ladarba r-riżerva tiġi kompletament eżawrita, kwalunkwe defiċit ieħor ikollu jiġi kopert mis-sussidji baġitarji tal-Unjoni, kif previst mir-regolament fundatur tas-CdT; jistieden lis-CdT jirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-pjanijiet tiegħu biex jimmitiga r-riskji tal-kontinwità tal-operat;

31. Jinnota l-ħtieġa li l-aġenziji jtejbu r-rappurtar finanzjarju u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern; jistieden lill-aġenziji jipprovdu fuq bażi annwali analiżi dettaljata tal-infiq, inkluża data diżaggregata dwar kuntratti esterni, servizzi ta' konsulenza u sottokuntratturi; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' għodod ta' rapportar diġitali f'ħin reali li jtejbu s-sorveljanza finanzjarja u l-obbligu ta' rendikont lejn il-Parlament Ewropew u l-pubbliku; jinkoraġġixxi aktar progress fir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar;

Riskji ewlenin identifikati mill-Qorti

32. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-

aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2023 (ir-"rapport tal-Qorti"), li l-awditu tal-Qorti kellu riżultati simili bħal fis-sena preċedenti (2022), bid-dgħufijiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku li baqgħu s-sors ewlieni ta' pagamenti irregolari;

33. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li r-riskju kumplessiv għall-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji, kif stabbilit bl-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni u abbażi ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà, huwa ġeneralment baxx, kif kien il-każ fl-2022;

34. Jissottolinja li l-Qorti tqis li r-riskju kumplessiv għal-legalità u għar-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji huwa baxx għall-maġġoranza tal-aġenziji, u huwa medju għall-aġenziji parzjalment iffinanzjati minnhom infushom fejn huma applikabbli regolamenti speċifiċi għall-ġbir ta' tariffi u kontribuzzjonijiet oħra tad-dħul, kif kien il-każ fl-2022;

35. Jirrimarka li l-Qorti tqis li r-riskju għal-legalità u għar-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji b'mod ġenerali huwa medju, filwaqt li jvarja minn baxx sa għoli għal titoli speċifiċi; jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju għat-Titolu I (Nefqa tal-Persunal) huwa ġeneralment baxx, għat-Titolu II (Nefqa Amministrattiva) huwa medju, u għat-Titolu III (Nefqa Operattiva) huwa baxx sa għoli, skont l-aġenzija inkwistjoni u n-natura tan-nefqa operattiva tagħha; jirrimarka li l-Qorti tqis ir-riskju fir-rigward tat-Titolu III simili għar-riskju tat-Titolu II, iżda peress li hemm ammonti ferm ogħla involuti fl-ambitu tat-Titolu III, l-impatt jitqies li huwa akbar;

36. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Qorti, għas-sitt sena konsekuttiva, tqis li r-riskju għal ġestjoni finanzjarja tajba huwa medju u primarjament assoċjat ma' proċeduri ta' akkwist pubbliku li ma żgurawx li jinkiseb l-aħjar valur possibbli għall-flus;

37. Jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju għall-ġestjoni tal-baġit huwa baxx, bl-awditu tal-Qorti juri riporti għoljin ta' approprjazzjonijiet impenjati;

38. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, il-kwistjonijiet prevalenti fl-aġenziji kienu: i) Id-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku, li baqgħu l-akbar sors ta' pagamenti irregolari; ii) L-isfidi marbuta mal-ġestjoni baġitarja, bħal riporti eċċessivi u pagamenti tard; iii) Id-dgħufijiet fil-kontroll intern, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti finanzjarji u mal-linji gwida proċedurali;

Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar

39. Jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji kollha; jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha; josserva,

madankollu, li filwaqt li ngħatat opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-biċċa l-kbira tal-aġenziji, ġew osservati eċċezzjonijiet għal erba' aġenziji: l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira (eu-Lisa);

40. Josserva li, għall-EIT, il-kwalifika tikkonċerna pagamenti irregolari ta' għotjiet, fejn l-EIT wettaq verifika *ex post* fuq kampjun ta' 174 element ta' kost; jinnota li l-EIT irrifjuta l-ispejjeż relatati ma' 27 element ta' kost u li l-Qorti identifikat tliet element ta' kost addizzjonali li għalihom l-EIT ma setax jipprovdi evidenza li l-benefiċjarji ssodisfaw il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim ta' għotja, li jirriżultaw f'total stmat ta' EUR 12,2-il miljun f'pagamenti ta' għotjiet irregolari, li jikkorrispondi għal rata ta' żball stmata ta' 3,4 %; jinnota li l-EIT jikkontesta wieħed mill-iżbalji rrapportati mill-Qorti, li jaffettwa tliet elementi ta' kost, li, fl-opinjoni tiegħu huma eliġibbli; jinnota wkoll li skont l-EIT, mingħajr dan il-każ, ir-rata stmata ta' żball irrapportata mill-Qorti tkun taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 %, li jwassal għal opinjoni ta' awditjar pożittiva dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tal-EIT;

41. Jirrikonoxxi li, fir-rigward tal-ELA, il-kwalifika hija relatata ma' pagamenti li jammontaw għal EUR 1,6 miljun fl-2023, li jirrappreżentaw 3,8 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli; jinnota li dan l-ammont jinkludi EUR 1,3 miljun relatati ma' kuntratt meqjus irregolari fir-rapport tal-awditjar tal-2022 minħabba l-valur mogħti li jaqbeż il-limitu massimu stabbilit tal-kuntratt, u EUR 0,3 miljun assoċjati ma' defiċjenzi fil-kontrolli *ex ante* fuq l-implimentazzjoni tal-kuntratt; jieħu nota tat-tweġiba tal-ELA li tispjega li l-kuntratt irregolari ntemm fi Frar 2024, u ġie sostitwit bi ftehim qafas ġdid stabbilit f'Novembru 2023; huwa konxju mid-deċiżjoni tal-ELA li tkompli bil-kuntratt irregolari temporanjament biex timmitiga r-riskji, tipproteġi r-reputazzjoni tagħha, u tiżgura servizzi mingħajr interruzzjoni, li jippermettilha żżomm operazzjonijiet konsistenti u tissodisfa l-attivitajiet ippjanati sakemm il-ftehim il-ġdid ikun daħal fis-seħħ;

42. Jinnota li, għall-ENISA, il-kwalifika hija relatata ma' pagamenti irregolari ta' EUR 1,8 miljun li saru fl-2023, li jirrappreżentaw 4,1 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli fl-2023; ifakkar li f'Awwissu 2022, l-ENISA rċeviet EUR 15-il miljun addizzjonali fil-baġit tagħha biex tipprovdi appoġġ imtejjeb għaċ-ċibersigurtà lill-Istati Membri wara l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna; jinnota wkoll li f'Settembru 2022, l-ENISA bdiet proċedura ta' akkwist bi 28 lott u sussegwentement iffirmat 28 kuntratt qafas separat b'valur ta' EUR 14,4-il miljun; huwa konxju li fil-bidu tal-2023, il-bord ta' tmexxija għamel eċċezzjoni biex jiddevja temporanjament mir-regolamenti finanzjarji tiegħu ħalli jissodisfa t-talbiet riveduti ta'

appoġġ għaċ-ċibersigurtà mill-Istati Membri; jieħu nota li skont it-tweġiba tal-ENISA, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija kienet tikkostitwixxi eċċezzjoni (limitata fiż-żmien u fl-ambitu) biex tiġi indirizzata sitwazzjoni eċċezzjonali partikolari f'kuntest internazzjonali estremament diffiċli; jinnota li din l-eċċezzjoni ġiet irreġistrata kif xieraq skont l-applikazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-ENISA u għaldaqstant irrapportata fir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-2023;

43. Josserva li, għall-eu-Lisa, il-kwalifika tikkonċerna pagamenti irregolari li jammontaw għal EUR 12,6-il miljun li saru fl-2023, li jirrappreżentaw 3,2 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli, inklużi EUR 2,7 miljun għal kuntratti awditjati fl-2023 u EUR 9,9 miljun għal kuntratti vvalutati bħala irregolari fir-rapport tal-awditjar tal-2022;

44. Jinnota bi tħassib ir-rikorrenza ta' opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tal-eu-Lisa, li tirrifletti l-kwistjonijiet persistenti mqajma mill-Qorti f'rapporti preċedenti mill-2020; jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-biċċa l-kbira tal-kuntratti affettwati minn żball skadew jew ġew itterminati mill-eu-Lisa fl-2023;

45. Josserva li l-bażi għal opinjoni kwalifikata (eu-Lisa) fl-2023 kienet tinkludi l-irregolaritajiet li ġejjin:

– irregolarità tal-Kuntratt Qafas: jinnota li l-eu-Lisa għamlet bidliet sinifikanti f'xi elementi tal-ipprezzar tal-offerti finanzjarji ta' żewġ offerenti, li jmorru lil hinn mill-korrezzjonijiet permessi skont l-Artikolu 151 tal-Regolament Finanzjarju, li jaffettwaw direttament l-eżitu tal-offerta, b'pagamenti relatati li jammontaw għal EUR 2,7 miljun fl-2023;

– Proċedura Nnegozjata mhux ġustifikata: jinnota wkoll il-pagament irregolari ta' EUR 7,7 miljun marbut ma' kuntratt qafas mogħti permezz ta' proċedura nnegozjata mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, bi ksur tal-istandards tal-akkwist;

– Emenda mhux awtorizzata tal-Kuntratt: josserva li pagamenti li jammontaw għal EUR 1,8 miljun ġew ikklassifikati bħala irregolari wara emenda mhux awtorizzata li żiedet il-valur ta' kuntratt ta' prezz fiss b'EUR 3,6 miljun;

– nuqqas ta' konformità mat-Termini tal-Kuntratt Qafas: jinnota bi tħassib li l-pagamenti tal-kuntratt qafas għaż-żamma ta' infrastruttura kondiviża li jammontaw għal EUR 0,4 miljun kienu irregolari, peress li l-kuntratt speċifiku ddevja mill-kuntratt qafas;

46. Jesprimi tħassib serju dwar ir-rikorrenza ta' kwistjonijiet bl-akkwist li jirriżultaw f'opinjoni kwalifikata għar-raba' sena konsekuttiva u

jħeġġeġ lill-eu-Lisa tieħu azzjoni korrettiva immedjata biex tindirizza u tipprevjeni dawn il-problemi fil-prattiki futuri tal-ġestjoni finanzjarja u tal-akkwist, filwaqt li tiżgura konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju; jappella sabiex il-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwar il-progress inkwistjoni qabel it-30 ta' Ġunju 2025;

47. Jilqa' l-fatt li l-Qorti, matul is-seduta [1], irrikonoxxiet li minkejja l-opinjoni maħruġa għall-2023 (eu-Lisa), in-nuqqasijiet identifikati qed jiġu indirizzati u ġie osservat titjib;

48. Jinsisti li għalkemm ir-Regolament Finanzjarju ma jistabbilix limiti massimi għar-riporti, livelli rikorrenti u eċċessivi ta' riporti jimminaw il-prinċipju baġitarju tal-annwalità u huma indikattivi ta' problemi strutturali fil-proċess tal-baġit u fiċ-ċiklu ta' implimentazzjoni; jinnota li f'14-il Aġenzija (l-ENISA, il-Eurofound, l-EIGE, l-eu-Lisa, l-EMA, l-EUSPA, l-ELA, l-FRA, l-EFCA, l-ECDC, l-EU-OSHA, l-ACER, il-Frontex u l-ESA) il-livell ta' riporti li jaffettwa t-titoli kollha flimkien huwa ogħla minn 15 %; jinnota li fil-każ tal-Frontex u tal-ESA, ir-riporti jilħqu aktar minn 40 % u 50 % rispettivament;

49. Ifakkar li l-qafas regolatorju jagħti mandat lill-aġenziji jagħmlu pagamenti sa skadenzi speċifiċi; jinnota li kwalunkwe nuqqas li jiġu ssodisfati dawn l-iskadenzi jista' jirriżulta fil-fatt li l-krediturijkunu intitolati għal imgħax ta' inadempjenza; josserva li, għas-sena 2023, il-Qorti tirrapporta li filwaqt li l-ammont totali ta' mgħax ta' inadempjenza mġarrab tqies bħala immaterjali, ta' min jinnota li disa' aġenziji (l-ACER, l-ECDC, l-EEA, l-EUDA, l-ENISA, l-ERA, l-EU-OSHA, il-Eurojust u l-Frontex) ta' spiss naqsu milli jirrispettaw l-iskadenzi għall-pagamenti tagħhom; jitlob lill-aġenziji inkwistjoni biex jiżguraw konformità mal-limiti ta' żmien legali għall-pagamenti; jenfasizza li għalkemm l-ammont ta' mgħax ta' inadempjenza mġarrab kien minuri, il-frekwenza għolja ta' pagamenti tard tista' taffettwa b'mod negattiv ir-reputazzjoni tal-aġenziji;

50. Jenfasizza li l-Qorti ħarġet paragrafi ta' "osservazzjoni" biex tissottolinja kwistjoni ppreżentata jew iddivulgata fil-kontijiet li hija tant ta' importanza li hija fundamentali biex il-qarrejja jifhmu l-kontijiet, jew id-dħul jew il-pagamenti ta' bażi; jinnota wkoll li, għas-sena finanzjarja 2023, il-Qorti użat il-paragrafi ta' "osservazzjoni" għall-aġenziji li ġejjin li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni: is-CdT, l-EBA, l-EIT, l-EMA, l-ERA, l-ESMA, il-Eurojust, l-eu-Lisa u l-Frontex;

51. Ifakkar li s-CdT jipprovdi divulgazzjonijiet fir-rapporti finanzjarji tiegħu dwar it-tnaqqis fid-dħul operatorju, li affettwa b'mod negattiv l-eżitu ekonomiku tiegħu;

52. Jiġbed l-attenzjoni għad-divulgazzjonijiet fil-kontijiet annwali tal-ERA

---

[1] Laqgħa tal-Kumitat CONT, 4 ta' Diċembru 2023.

u tal-Eurojust dwar l-implimentazzjoni tal-SUMMA [1]; jinnota li, matul l-2023, il-kwistjonijiet tekniċi komplew jikkontribwixxu għal żieda fil-pagamenti tard (50 % fl-2023) u l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità fil-Eurojust; jinnota li l-ERA esperjenzat kwistjonijiet tekniċi matul l-ewwel trimestru, għalkemm sar titjib sostanzjali meta mqabbel mal-2022;

53. Jinnota li l-kontijiet tal-ESMA u tal-EBA jinkludu divulgazzjoni ta' inċertezza rigward l-eżitu ta' kawża [2]; jieħu nota li l-ESMA ġiet innotifikata formalment b'każ legali relatat ma' proċedura ta' akkwist konġunt fejn, minbarra l-ESMA, ipparteċipaw tliet aġenziji oħra tal-UE (l-EBA, l-EIOPA u l-ERA); huwa konxju li l-proċedura rriżultat f'kuntratt qafas b'valur ta' EUR 40,2 miljun, u sa tmiem l-2023, l-ESMA u l-EBA ffirmaw kuntratti speċifiċi li jammontaw għal total ta' EUR 2 185 226 u EUR 6 306 786 fil-każ tal-EBA;

54. Huwa mħasseb li l-applikant qed ifittex annullament ta' deċiżjoni ta' sejħa għall-offerti u kumpens monetarju li jvarja bejn EUR 400 000 u EUR 3,5 miljun; jinnota li minħabba l-istadju bikri tal-proċedimenti, il-maniġment tal-ESMA u dak tal-EBA ma jistgħux jipprovdu stima affidabbli tal-ispejjeż potenzjali li jirriżultaw mill-kawża [3];

55. Jiġbed l-attenzjoni għad-divulgazzjoni fil-kontijiet tal-ESMA ta' indeboliment ta' EUR 368 300, li jikkorrispondi għal tariffi pendenti minn entitajiet taħt superviżjoni ta' pajjiżi terzi; jinnota li l-indeboliment huwa marbut mal-fatt li r-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) ma jipprovdix lill-ESMA mekkaniżmu effettiv għall-infurzar tal-ġbir ta' tariffi pendenti minn barra l-Unjoni; jilqa' l-fatt li l-ftehim reċenti tal-koleġiżlaturi biex jiġi emendat ir-regolament (EMIR 3) introduċa l-possibbiltà li l-ESMA tirtira r-rikonoxximent minn entitajiet taħt superviżjoni ta' pajjiżi terzi li ma jħallsux it-tariffi tagħhom;

56. Jinnota li l-kontijiet tal-EBA jinkludu divulgazzjonijiet dwar l-impatti sinifikanti tal-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali għas-settur finanzjarju (DORA) u r-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MiCAR) fir-rigward tar-riżorsi mhux iffinanzjati meħtieġa biex jiġu stabbiliti l-kompiti relatati u tiġi implimentata politika ta' sorveljanza xierqa li saret fl-2023 qabel ma seta' jibda l-ġbir tat-tariffi; jieħu nota li l-EBA kellha talloka mill-ġdid ir-riżorsi għal dawn l-attivitajiet preparatorji;

57. Jieħu nota li l-kontijiet tal-EIT jiddivulgaw suppożizzjonijiet li ntużaw biex jiġu stmati l-ispejjeż operatorji (l-ispejjeż tal-għotjiet), li huma dovuti u ppreżentati fil-karta tal-bilanċ bħala element li qed jonqos

---

1 Fl-2022, sistema baġitarja, kontabilistika u finanzjarja ġdida bdiet bħala proġett pilota.

2 UniSystems Lussemburgu u Unisystems systimata pliroforikis vs ESMA – il-Kawża T-750/22.

3 Il-Kontijiet Annwali tal-EBA p. 26, u l-QEA dwar l-ESMA p. 139.

ta’ assi ta’ prefinanzjament; ifakkar li d-dovut għall-ispejjeż tal-għotjiet huwa stima sinifikanti li inevitabbilment tinvolvi inċertezza;

58. Jinnota li l-EMA tipprovdi divulgazzjonijiet sinifikanti fil-kontijiet annwali tagħha relatati mal-fond li kellha qabel f’Londra u l-inċertezzi maħluqa mill-fatt li l-kumpanija omm tas-subinkwilin iddikjarat falliment; jinnota bi tħassib li l-EMA tista’ tinżamm responsabbli għall-ammont kollu li għad irid jitħallas taħt il-lokazzjoni prinċipali; huwa konxju li l-ammont massimu, inkluża obbligazzjoni ta’ taxxa tal-kunsill, li se jkun pagabbli mill-EMA jekk il-fond jibqa’ vakanti għall-bqija tal-lokazzjoni, huwa ta’ EUR 550 miljun; jinnota li l-EMA bħalissa qed tinnegozja mill-ġdid il-kundizzjonijiet tas-sullokazzjoni mal-fergħa tar-Renju Unit tal-grupp u bħala parti minn dawn in-negozjati mill-ġdid, l-EMA qablet ma’ differiment ta’ pagamenti ta’ kiri għall-ewwel żewġ trimestri tal-2024 u tnaqqis fil-kera tas-subinkwilin mill-1 ta’ Jannar 2024; jinnota li f’dan ir-rigward l-EMA għamlet provvediment għal kuntratt oneruż fl-ammont ta’ EUR 131,4 miljun; jieħu nota li s-subinkwilin tal-Aġenzija ssodisfa l-obbligi kuntrattwali tiegħu għas-sena 2023, b’pagamenti ta’ kiri li jkopru l-perjodu sal-31 ta’ Diċembru 2023 u jħeġġeġ lill-EMA u lill-Kummissjoni jsibu soluzzjoni sostenibbli biex jitterminaw il-kuntratt u l-obbligi assoċjati kollha qabel il-proċedura ta’ kwittanza li jmiss fl-2024;

59. Josserva li l-kontijiet tal-eu-Lisa jinkludu divulgazzjoni rigward is-sitwazzjoni finanzjarja ta’ kuntrattur ewlieni b’żewġ kuntratti qafas attivi; jinnota li l-eu-Lisa għandha żewġ kuntratti qafas attivi ma’ kuntrattur li huwa membru ta’ konsorzju u li dan il-kuntrattur issostitwixxa l-kumpanija omm tiegħu fil-kuntratti u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni u għaż-żamma tas-Sistema ta’ Dħul u Ħruġ u għall-forniment ta’ servizzi fl-ambitu tal-Lott 1 tal-Qafas tal-Operazzjonijiet Trażversali; jieħu nota li l-ammonti kuntrattati pendenti huma ta’ EUR 97,5 miljun u EUR 41 miljun rispettivament; jinnota li sabiex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali relatati mal-vijabbiltà finanzjarja tal-kumpanija omm, l-eu-Lisa timmonitorja mill-qrib is-saħħa finanzjarja tal-kuntrattur bl-użu ta’ għodod ta’ valutazzjoni tar-riskju indipendenti u mistoqsijiet diretti; jinnota li, barra minn hekk, l-eu-Lisa tivvaluta regolarment il-progress tal-Assi taħt Żvilupp (AuDs) biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq il-mandat tagħhom u li jkunu proattivi fil-ġestjoni u fil-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati mat-tfixkil fil-katina tal-provvista fil-limiti tar-regola finanzjarja [1];

60. Ifakkar fl-approċċi differenti rikorrenti tal-Frontex u tal-Qorti rigward il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-Pajjiżi Assoċjati ma’ Schengen (SAC) għall-baġit tal-Frontex; jieħu nota li l-Qorti tqis li l-interpretazzjoni tal-Frontex hija żbaljata, u li dan iwassal biex l-SAC jikkontribwixxu madwar EUR 3,5 miljun (7 %) anqas għall-baġit tal-

[1] Il-kontijiet annwali tal-eu-Lisa, p. 25.

Frontex milli kieku jiddetta d-daqs tal-ekonomiji tagħhom, meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-Unjoni; jieħu nota li l-uffiċjal tal-kontabbiltà *ad interim* eżamina s-sitwazzjoni u, b'mod simili għall-MB, iqis li ma hemmx bżonn li l-Frontex tirrevedi l-metodoloġija attwali ta' kalkolu dwar il-kontribut tal-SAC għall-baġit tal-Frontex [1]; jieħu nota tar-rapport ta' segwitu tal-Frontex għar-rapport ta' kwittanza tal-2022 li jiddikjara li l-aġenzija ma għandhiex l-intenzjoni li tbiddel il-metodoloġija użata għal dawn il-kalkoli; jitlob lill-Aġenzija tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza bi spjegazzjoni dettaljata tal-metodoloġija użata f'dawn il-kalkoli;

Prestazzjoni

61. Jinnota li l-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati jintroduċi l-kunċett ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) li għandhom l-għan li jtejbu t-traċċar tal-prestazzjoni għall-aġenziji;

62. Jinnota wkoll li skont il-pjan direzzjonali żviluppat mill-Kummissjoni [2], il-KPIs għandhom jiġu żviluppati fir-rigward tal-ħidma kemm tal-aġenzija kif ukoll tad-Direttur tagħha; jinnota, barra minn hekk, li l-Kummissjoni pproponiet ukoll li jiġu żviluppati mudelli għall-programm ta' ħidma annwali jew għall-evalwazzjoni;

63. Jirrimarka li, skont il-Pjan Direzzjonali, l-aġenziji u l-Kummissjoni għandhom jiżviluppaw KIPs fuq bażi annwali u għalhekk dawn jinbidlu minn sena għal sena, u jagħmlu t-traċċar tal-prestazzjoni tal-aġenzija fuq perjodu itwal diffiċli peress li xi KPIs għandhom imnejn ma jiġux segwiti tul diversi snin;

64. Jirrakkomanda li l-Aġenziji jieħdu azzjoni biex jissodisfaw l-indikaturi pendenti jew imdewma u jaġġustaw regolarment il-KPIs tagħhom biex itejbu l-prestazzjoni;

65. Jissottolinja li l-linji gwida tal-Kummissjoni [3] għall-KPIs fil-każ tad-Diretturi tal-aġenziji deċentralizzati tal-UE jiffokaw kompletament fuq il-prestazzjoni tad-Diretturi tal-aġenziji, jiġifieri, prinċipalment relatati mal-ġestjoni tal-baġit u tar-riżorsi umani u ma jintużawx biex jagħtu valutazzjoni tar-riżultati jew tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-

---

1 Il-kontijiet annwali tal-Frontex, p. 37.

2 Pjan direzzjonali dwar is-segwitu għall-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE: 5-AB-12-13_Roadmap on the follow up to the Common Approach on EU Decentralised Agencies.pdf

3 Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Guidelines on key performance indicators (KPI) for directors of EU decentralised agencies (Linji gwida dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPI) għad-diretturi tal-aġenziji deċentralizzati), 13.3.2015, p. 3: https://www.eumonitor.eu/9353000/1/j9vvik7m1c3gyxp/vjx64xley4zd.

operazzjonijiet skont il-mandati tal-aġenziji [1];

66. Jisħaq, barra minn hekk, li, minħabba li ma hemm l-ebda approċċ standard għall-preżentazzjoni tal-KPIs fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tal-aġenziji, huwa diffiċli li jkun hemm ħarsa ġenerali lejn l-istatus tal-prestazzjoni ta' kull aġenzija;

67. Jissottolinja li, abbażi tal-konklużjonijiet tal-Qorti, il-KPIs ma jikkontribwixxux għat-traċċar tal-prestazzjoni tal-aġenziji f'termini ta' operazzjonijiet u ġestjoni finanzjarja u tar-riżorsi umani;

68. Jitlob rieżami indipendenti tal-prestazzjoni tal-aġenziji kollha biex jiġi vvalutat jekk l-attivitajiet tagħhom jallinjawx ruħhom b'mod effettiv mal-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni u jwasslux għal riżultati tanġibbli; jinsisti fuq l-introduzzjoni ta' bbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni u parametri referenzjarji tal-effiċjenza biex jiġu żgurati allokazzjoni ottimali tar-riżorsi u governanza xprunata mill-impatt;

69. Jilqa' l-fatt li l-ECHA, b'kooperazzjoni mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), ħadet passi biex tippromwovi l-prinċipju ta' "sustanza waħda – valutazzjoni waħda" biex tiżgura konsistenza akbar fil-valutazzjoni tal-perikli u tar-riskju ta' sustanzi attivi; jistieden lill-aġenziji jkomplu jippromwovu l-kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u jrawmu djalogu mal-partijiet ikkonċernati u maċ-ċittadini;

70. Ifakkar fl-approċċ tal-Unjoni ta' "tolleranza żero" għas-sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU) u fil-kontribut vitali tal-Aġenzija Komunitarja għall-kontroll tas-Sajd (EFCA) fl-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd (PKS), b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd IUU;

71. Jisħaq fuq ir-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri għall-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li l-kompiti tal-Aġenzija huma limitati għall-appoġġ u l-koordinazzjoni, kif ukoll biex tiġi pprovduta assistenza f'dan il-qasam lill-Istati Membri; jistieden lill-Aġenzija tappoġġja lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw u jidentifikaw ksur serju rigward ix-xogħol furzat u tipprovdi taħriġ adegwat għall-ispetturi dwar dan il-ksur serju;

72. Jistieden lill-EUSPA tkompli bl-isforzi tagħha bħala kontributur ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-UE, filwaqt li ssaħħaħ il-bażi industrijali, il-kompetittività u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jinkoraġġixxi l-prijoritizzazzjoni tal-akkwist Ewropew, b'mod partikolari f'oqsma kritiċi għar-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sovranità tal-Unjoni; jenfasizza r-rwol vitali ta' Galileo u tas-Servizz

---

1 Ir-Rapport Speċjali 22/2020 tal-QEA: Il-futur tal-aġenziji tal-UE – Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20_22/SR_Future_of_EU_Agencies_MT.pdf

Pubbliku Regolat tiegħu fis-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni, flimkien mal-benefiċċji fuq terminu qasir ta' GOVSATCOM u l-valur strateġiku fit-tul tal-IRIS[2]; jisħaq li l-inizjattivi tal-kapaċità tad-difiża u tas-sigurtà tal-Unjoni għandhom jisfruttaw l-għarfien espert u l-infrastruttura tas-settur spazjali tal-Unjoni biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn;

73. Jieħu nota tal-pjan direzzjonali l-ġdid dwar l-interoperabbiltà; jirrikonoxxi li l-iskeda ta' żmien il-ġdida għall-introduzzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni kienet meħtieġa minħabba dewmien fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN); jissottolinja li skambju ta' informazzjoni rapidu, effettiv u affidabbli, konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli, huwa kritiku għas-sostenn u t-tisħiħ tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni; f'dan ir-rigward jirrikonoxxi l-ħidma u t-titjib miksuba mill-eu-Lisa;

74. Jinnota l-isforzi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru") biex jippermetti u jippromwovi l-multilingwiżmu fl-Unjoni, pereżempju fir-rigward tal-komunikazzjonijiet tal-aġenziji tal-UE u l-iżvilupp ta' terminoloġija f'oqsma ta' suġġetti speċjalizzati sabiex tittejjeb il-kwalità tat-traduzzjonijiet; jilqa' l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) f'Ġunju 2023 u d-deċiżjoni li l-ħidma ta' dak il-grupp titkompla fi grupp konsultattiv ġdid dwar l-IA;

75. Jistieden lill-EFCA tappoġġja lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw u jidentifikaw ksur serju relatat mal-applikazzjoni tal-Artikolu 90(2), il-punt (p), tar-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar ix-xogħol furzat, u tipprovdi taħriġ adegwat għall-ispetturi dwar dan il-ksur serju;

76. Jinnota li, fl-2023, l-EFCA rrapportat 44 993 spezzjoni (fuq il-baħar u fuq l-art), li wasslu għad-detezzjoni ta' ksur suspettat f'mill-inqas 4 230 minn dawk l-ispezzjonijiet; jinnota li din id-data kollettivament tirrappreżenta tnaqqis żgħir fl-għadd totali ta' spezzjonijiet (5 % anqas spezzjonijiet meta mqabbla mal-2022), kif ukoll tnaqqis ta' 18 % fl-għadd totali ta' spezzjonijiet fejn ġie identifikat ksur suspettat; jirrimarka li l-ispezzjonijiet u attivitajiet oħra ta' segwitu għandhom rwol ewlieni mhux biss fil-ġestjoni xierqa tal-istokkijiet tal-ħut iżda anke biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u (KE) Nru 1005/2008 u r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2017/2403 u (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd (ĠU L, 2023/2842, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2842/oj).

tal-Unjoni;

77. Ifaħħar l-isforzi tal-Eurojust lejn id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, jiġifieri l-implimentazzjoni ta' Sistema ġdida ta' Ġestjoni tal-Każijiet wara l-aħħar emenda għar-Regolament dwar l-Eurojust [1], u l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma l-ġdida ta' Kollaborazzjoni tas-SIK [2]; jinnota r-rwol tal-Eurojust bħala l-punt ta' kuntatt għal pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali rigward it-talbiet tal-ECRIS-TCN fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali;

78. Jisħaq fuq l-importanza tal-appoġġ kontinwu tal-Eurojust lill-Ukrajna, bis-SIK li tinvestiga allegati delitti internazzjonali ewlenin imwettqa fl-Ukrajna, billi topera l-Bażi ta' Data ta' Evidenza dwar Delitti Internazzjonali Ewlenin (CICED) biex tippreserva, taħżen u tanalizza l-evidenza ta' delitti kriminali internazzjonali ewlenin f'bażi tad-data unika, sigura u ċentrali, billi tiżgura metodu ta' trażmissjoni tad-data diġitali sikur għas-sottomissjoni tal-evidenza, u l-analiżi tagħha; jilqa' wkoll it-tnedija taċ-Ċentru Internazzjonali l-ġdid għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) fil-Eurojust bl-għan li jappoġġja l-investigazzjonijiet nazzjonali u jaqbel dwar strateġiji komuni ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni, u billi jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet tal-Unjoni madwar l-Unjoni Ewropea;

79. Jenfasizza r-rwol tal-FRA bħala gwardjan ewlieni tad-drittijiet fundamentali u tal-istat tad-dritt, kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u jfaħħar l-appoġġ tagħha biex tiżgura r-rispett, il-ħarsien u l-garanzija tad-drittijiet fundamentali fil-liġijiet u l-politiki eżistenti u futuri tal-UE fl-oqsma tal-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, bħad-dritt u l-politiki tal-Unjoni li jiġġieldu r-razziżmu, l-antisemitiżmu u l-iżlamofobija, tappoġġja l-ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza u l-implimentazzjoni ta' strateġiji dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu bħall-oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Rom, u tipprovdi kontribut għar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, għall-protezzjoni tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju, kif ukoll tappoġġja r-reviżjoni tad-direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi, il-Pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra r-razziżmu u

---

1 Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu (ĠU L, 2023/2131, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2131/oj).

2 Ir-Regolament (UE) 2023/969 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/969/oj).

l-Istrateġija tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, u tagħti pariri dwar il-konformità mad-drittijiet fundamentali rigward l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tal-IA u l-implimentazzjoni u l-użu tal-fondi tal-UE;

80. Jenfasizza l-gwida u l-involviment tal-FRA fl-oqsma tal-ażil u l-migrazzjoni, il-fruntieri u l-interoperabbiltà u l-enfasi importanti tagħha fuq id-drittijiet fundamentali, l-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u d-dritt tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem f'dan il-qasam, inkluża l-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (l-EUAA) bil-ħsieb li jissaħħaħ il-fehim tal-importanza tal-kustodji u tar-rappreżentanti legali li jassistu lit-tfal mhux akkumpanjati li jfittxu protezzjoni internazzjonali fi ħdan l-Unjoni u t-taħriġ ipprovdut lill-persunal tal-Europol li jsaħħaħ is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali f'kuntesti operattivi rilevanti; jilqa' l-kontribut f'waqtu tal-FRA dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar il-protezzjoni temporanja fil-kuntest tar-rifuġjati li qed jaħarbu mill-Ukrajna, dwar l-identifikazzjoni tal-isfidi fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar ir-residenza fit-tul, kif ukoll dwar l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fil-Kodiċi dwar il-Viżi u l-lista ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex inaqqsu l-fatalitajiet fuq il-baħar;

81. Jilqa' l-kontribut tal-FRA għall-evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ("ir-Regolament EBCG"), il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (il-Frontex) u l-kopresidenza tal-Forum Konsultattiv tal-Frontex dwar id-Drittijiet Fundamentali, u l-kooperazzjoni mal-Uffiċċju għad-Drittijiet Fundamentali tal-Frontex;

82. Jinnota b'sodisfazzjon li l-FRA pprovdiet analiżi tad-drittijiet fundamentali u għarfien espert biex tappoġġja l-attivitajiet u l-ħidma ta' aġenziji oħra tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI), inklużi l-EUAA, il-Frontex, il-Europol, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-eu-Lisa), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (is-CEPOL); jilqa' l-kontributi tal-FRA fl-2023 għall-avvanz tar-rispett għad-drittijiet fundamentali, inkluż permezz ta' gwida dwar il-fondi tal-Unjoni u l-indirizzar tal-isfidi ppreżentati minn teknoloġiji ġodda; jistieden lill-FRA tiddetermina kif l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma intrinsikament marbuta u kif il-ħidma tagħha tista' tiġi inkorporata jew żviluppata f'sinerġija ma' dik tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tar-Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt;

83. Ifaħħar l-introduzzjoni b'suċċess min-naħa tal-Europol tal-PERCI (il-Pjattaforma tal-UE dwar il-Kontenut Illegali Online), b'mod partikolari bl-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (l-EDPS); japprezza l-

kooperazzjoni b'saħħitha mal-EDPS u l-grupp ta' ħidma konġunt stabbilit mal-Frontex biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-EDPS fir-rigward tal-programm PeDRA tal-Frontex (Ipproċessar ta' data personali għall-analiżi tar-riskju) fejn iż-żewġ aġenziji jaqsmu interess qawwi fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali filwaqt li javvanzaw is-sigurtà;

84. Jilqa' l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Europol [1] kif emendat fl-2022, speċjalment il-ħatra rapida ta' uffiċjal għad-drittijiet fundamentali f'Jannar 2023, li timmarka pass sinifikanti lejn it-tisħiħ tal-impenn tal-Europol għad-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet tagħha;

85. Jirrikonoxxi l-importanza ta' inizjattivi lokalizzati li jsaħħu s-sistemi tas-saħħa u l-inizjattivi ambjentali, filwaqt li jżidu l-kollaborazzjoni mal-Istati Membri u mal-Aġenziji (l-ECDC, l-ECHA, l-EEA, l-EFSA, l-EMA); jappella għal titjib fl-approċċ tad-distribuzzjoni tal-finanzjament, li tingħata prijorità lit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u li r-riżorsi jiġu allokati direttament lir-riċevituri finali billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri biex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà għall-atturi ekonomiċi fuq il-post.

86. Jinnota li wara l-valutazzjoni mid-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, li jiżgura s-superviżjoni tat-tliet Aġenziji, il-prestazzjoni tagħhom tat-tliet Aġenziji fl-2023 (l-EASA, l-EMSA, l-ERA) kienet kompletament allinjata mal-objettivi miftiehma tal-Kummissjoni: l-attivitajiet regolari ta' monitoraġġ u superviżjoni ma identifikaw l-ebda kwistjoni partikolari li jista' jkollha impatt materjali fuq l-aċċertament; barra minn hekk, ir-rapporti mill-awdituri esterni u interni ma enfasizzaw l-ebda kwistjoni ewlenija li tista' tqajjem tħassib addizzjonali għad-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport;

87. Jinnota li fl-2023, l-EASA saħħet b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni tagħha mal-organizzazzjonijiet militari fil-kamp ta' applikazzjoni pprovdut mill-pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-mobbiltà militari 2.0 u issa hija mistiedna għal-laqgħat kollha tal-Kumitat tal-Avjazzjoni tan-NATO; jieħu nota tal-approvazzjoni tal-istrateġija ta' Kooperazzjoni Militari Ċivili tal-Aġenzija – il-prijorità tagħha għal żmien twil – li tappoġġja l-involviment tagħha f'kompiti ta' ċertifikazzjoni għall-inġenji tal-ajru militari li jirriżultaw minn dawk ċivili bbażati fuq il-kunċett "ċivili kemm jista' jkun, militari kemm meħtieġ".

88. Jinnota li fl-2023, l-EMSA kompliet tipprovdi assistenza effettiva

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj).

ħafna biex tgħin fit-tnaqqis tal-impatt tas-settur tat-trasport marittimu fuq l-ambjent, inkluż permezz tal-involviment tagħha fil-bosta inizjattivi relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jieħu nota b'mod partikolari tal-għarfien espert tekniku li pprovdiet fil-kuntest tar-rieżami tal-Pakkett dwar is-Sikurezza Marittima; ifaħħar l-appoġġ tal-Aġenzija lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-adozzjoni finali tal-proposti li saru bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'mod partikolari dwar l-estensjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (l-ETS) għat-trasport marittimu u r-Regolament FuelEU Maritime; f'dan il-kuntest, japprezza r-riċerka kontinwa tiegħu dwar il-potenzjal ta' diversi fjuwils alternattivi u l-kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza assoċjati li jirriżultaw mill-adozzjoni u mill-użu ta' sorsi alternattivi sostenibbli tal-enerġija għall-vapuri; jilqa' l-adattament tas-sistema THETIS-MRV għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-ETS;

89. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa u dejjem akbar tal-ħames aġenziji (il-Eurofound, is-Cedefop. l-ETF, l-EU-OSHA, l-ELA) u l-kondiviżjoni tar-riżorsi bejniethom u ma' istituzzjonijiet oħra, inklużi aġenziji oħra tal-UE, il-Kummissjoni u l-Parlament;

90. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura użu aħjar tal-għarfien espert tal-Aġenziji (il-Eurofound, is-Cedefop. l-ETF, l-EU-OSHA, l-ELA) fl-oqsma ta' politika rilevanti rigward, pereżempju, it-tfassil ta' rapporti u studji u t-twettiq ta' riċerka u stħarriġ, li jista' jippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-baġit tal-Unjoni eżistenti meta mqabbel ma' soluzzjonijiet alternattivi; japprezza l-isforzi tal-ħames aġenziji biex jiżviluppaw aktar il-komunikazzjoni diġitali u online tagħhom bil-għan li jżidu l-viżibbiltà tagħhom u jqajmu kuxjenza dwar il-ħidma b'impatt għoli tagħhom; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-potenzjal mhux użat għall-għoti ta' informazzjoni speċifika u rilevanti u l-istess prodotti ta' kwalità bħall-konsulenti esterni, meta l-mandati tal-aġenziji jippermettu dan;

91. Jilqa' l-isforzi tal-aġenziji (il-Eurofound, is-Cedefop. l-ETF, l-EU-OSHA, l-ELA) biex jimplimentaw politiki dwar id-diversità u l-inklużività, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni b'diżabbiltà; iħeġġeġ lill-aġenziji jtejbu l-ġbir ta' data komparabbli dwar l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà; jirrikonoxxi l-progress li sar fi ħdan l-aġenziji biex jilħqu bilanċ bejn il-ġeneri fost il-persunal tagħhom: jappella sabiex isiru aktar sforzi biex jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri anke fil-livell tal-maniġment superjuri u biex il-ġeneru jiġi integrat fl-attivitajiet kollha tagħhom;

92. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2023 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena attwali b'medja ta' aktar minn 97 %, bl-eċċezzjonijiet tas-CdT u tal-ELA, li kellhom rati ta' 89,55 % u 93,72 % rispettivament; jinnota li l-aġenziji li juru l-anqas rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tas-sena

attwali huma kif ġej, elenkati f'ordni axxendenti flimkien mal-perċentwali rispettivi tagħhom: l-ESA b'47,61 %, il-Frontex b'55,37 %, l-EU-OSHA bi 68,83 %, l-ACER b'70,69 % u l-ECDC b'71,79 %;

93. Jinnota ż-żieda fil-baġit tal-EUAA fl-2023 minn EUR 168 miljun għal EUR 170 miljun (+ 0,77 %) u fil-persunal tagħha minn 519 għal 529 (+ 2 %); itenni r-rwol importanti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil fl-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta tagħha; ifakkar li fir-rapport ta' kwittanza tagħha tal-2022 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, l-awtorità ta' kwittanza enfasizzat it-tħassib dwar il-ġestjoni interna u l-proċeduri tal-Aġenzija, filwaqt li nnotat li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) kien beda investigazzjoni, li issa ġiet konkluża, li allegatament kienet tinvolvi n-nepotiżmu u kwistjonijiet oħra li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tagħha; jiddispjaċih li d-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija evita li jipprovdi tweġibiet matul is-seduta ta' smigħ preparatorja dwar il-kwittanza fil-Kumitat CONT; jinsab allarmat li l-Bord tal-Aġenzija jirrifjuta li jiżvela l-kontenut u r-rakkomandazzjoni tal-imsemmi rapport tal-OLAF lill-awtorità ta' kwittanza; jistieden lill-Aġenzija tagħmel is-sejbiet tar-rapport disponibbli minnufih;

94. Iqis li r-Rapport Finali tal-OLAF (OC-2022-0717) dwar l-EUAA jasal għal konklużjonijiet li joħoqu ħafna tħassib dwar fatti stabbiliti li jpoġġu f'riskju l-istabbiltà, il-governanza u r-reputazzjoni tal-Aġenzija, u b'hekk kellha tittieħed id-deċiżjoni li l-kwittanza lill-Aġenzija fir-rigward tas-sena finanzjarja 2023 tiġi posposta; ifakkar, barra minn hekk, li l-OLAF stabbilixxa u kkwantifika impatt finanzjarju, li ma jistax jiġi rkuprat, li jikkorrobora l-impatt negattiv fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tar-riżorsi tal-aġenzija; jitlob, għalhekk, segwitu komprensiv mill-bord tat-tmexxija li jagħti dettalji dwar il-miżuri kollha meħuda sabiex jiġu kkoreġuti d-dgħufijiet misjuba;

95. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tiċċara bis-sħiħ il-kwistjonijiet miftuħa kollha, timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF b'mod kredibbli u trasparenti u tistabbilixxi mekkaniżmi robusti ta' kontroll intern, sorveljanza etika u obbligu ta' rendikont; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda mingħajr dewmien bla bżonn;

Akkwist

96. Jinnota bi tħassib li d-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku għadhom l-akbar sors ta' pagamenti irregolari; jenfasizza li l-Qorti għamlet 38 osservazzjoni dwar id-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku fl-2023 (meta

mqabbla ma’ 41 fl-2022 u 28 fl-2021) [1]; iħeġġeġ lill-aġenziji jintroduċu miżuri biex jiżguraw rispett sħiħ tar-regolamenti dwar l-akkwist u l-prinċipji tat-trasparenza, tal-kompetizzjoni u tal-kosteffettività; ifakkar fil-ħtieġa ta’ programmi ta’ taħriġ regolari għall-persunal dwar il-ġestjoni finanzjarja, ir-regoli tal-akkwist u l-prevenzjoni tal-frodi; jitlob miżuri ta’ obbligu ta’ rendikont aktar stretti li jiżguraw li kwalunkwe defiċjenza persistenti twassal għal azzjonijiet korrettivi mmirati u konsegwenzi għal nuqqas ta’ konformità ripetut;

97. Jinnota li, skont il-Qorti, 13 [2] mill-osservazzjonijiet dwar id-dgħufijiet li jwasslu għal pagamenti irregolari fl-2023 jirreferu għal irregolaritajiet identifikati u msemmija f’awditi preċedenti; jinnota li għall-25 osservazzjoni li jifdal, disa’ affettwaw il-pagamenti u s-16 l-oħra ma wasslux għal pagamenti irregolari fl-2023; jinnota li l-osservazzjonijiet tas-sena li ma affettwawx il-pagamenti huma relatati mal-aġenziji ACER, EBA, eu-Lisa, ESMA, EMSA, ENISA, ERA, EIGE, ECDC, EEA, EUDA, EUAA u CEPOL; jieħu nota tat-tweġibiet tal-Aġenziji u jistedinhom jieħdu miżuri biex jikkoreġu d-dgħufijiet identifikati u jirrapportaw lura lill-awtorità ta’ kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda biex jindirizzawhom;

98. Jiġbed l-attenzjoni għad-disa’ osservazzjonijiet tas-sena magħmula mill-Qorti li jaffettwaw il-pagamenti; jinnota li fil-każ tal-ENISA, tal-eu-Lisa, kif ukoll tal-ELA, l-irregolaritajiet identifikati, flimkien ma’ dawk identifikati f’awditi preċedenti li rriżultaw f’pagamenti tal-2023 (għall-eu-Lisa u għall-ELA biss), jiffurmaw il-bażi għal opinjoni kwalifikata mill-Qorti u ġew deskritti taħt l-intestatura “Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar” ta’ din ir-riżoluzzjoni;

99. Josserva li l-osservazzjonijiet li jifdal tas-sena li jaffettwaw il-pagamenti jirreferu għas-CdT, għall-EIGE, għall-EFCA, għall-ERA u għall-EU-OSHA b’osservazzjoni waħda għal kull aġenzija, bl-eċċezzjoni tal-aġenzija tal-aħħar li għandha tnejn; jinnota li r-raġuni għall-osservazzjoni, kif ukoll it-tweġiba tal-aġenziji għall-osservazzjoni tal-Qorti għandhom it-tqassim li ġej:

– Fil-każ tas-CdT, l-osservazzjoni tirreferi għall-użu żbaljat tal-proċedura ta’ għoti dirett minflok it-tnedija ta’ proċedura kompetittiva bbażata fuq stima tal-ispejjeż futuri, li tirriżulta f’pagamenti irregolari fil-qafas ta’ dawn il-kuntratti li fl-2023

---

1 Ir-rapport tal-QEA, p. 37. Huma biss l-osservazzjonijiet li jirreferu għall-parti tal-aġenziji ta’ din ir-riżoluzzjoni.

2 Osservazzjonijiet mis-snin preċedenti li jaffettwaw il-pagamenti fl-2023: EASA EUR 1,6 miljun; EIGE EUR 59 600; ELA EUR 1,32 miljun u bażi għal opinjoni kwalifikata; ETF żewġ osservazzjonijiet EUR 175 500 u EUR 300 600; Eurojust EUR 59 300; EUAA EUR 123 800; eu-Lisa 3 osservazzjonijiet EUR 7,7 miljun, EUR 1,8 miljun, EUR 0,4 miljun, u bażi għal opinjoni kwalifikata; CEPOL EUR 85 000; CdT żewġ osservazzjonijiet EUR 17 300 u EUR 257 200.

ammontaw għal EUR 25 800; jieħu nota tat-tweġiba tas-CdT li se jorganizza proċeduri kompetittivi simplifikati għas-servizzi ta' manutenzjoni li jkunu jiswew aktar minn EUR 1 000;

– Fil-każ tal-ERA, l-osservazzjoni hija relatata mal-iffirmar ta' kuntratt speċifiku mingħajr ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni kif meħtieġ mill-kuntratt qafas li wassal għal total ta' EUR 254 400 ta' pagamenti b'rabta ma' dan il-kuntratt; jinnota t-tweġiba tal-ERA li mill-2024 l-aġenzija bdiet tapplika l-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni tagħha stess għas-servizzi inkwistjoni;

– L-osservazzjoni tal-EIGE tirreferi għall-applikazzjoni żbaljata ta' kontrolli *ex ante* li jaqbżu l-limitu massimu tal-kuntratt qafas, u applikazzjoni żbaljata tar-rati ta' kuljum li rriżultat f'pagamenti irregolari ta' EUR 76 500; jinnota li l-EIGE se jiżgura implimentazzjoni xierqa tal-kuntratti qafas interistituzzjonali b'attenzjoni għall-kuntratti relatati mar-riżorsi umani;

– L-EFCA użat kuntratt qafas interistituzzjonali għall-forniment ta' arranġamenti tal-ivvjaġġar lil hinn mill-ambitu tagħha għall-akkwist ta' servizzi ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti u l-pagamenti assoċjati tal-2023 ta' EUR 257 300 kienu irregolari; jinnota li skont l-EFCA, l-aġenzija sabet sitwazzjonijiet mhux mistennija li jwasslu għal dewmien proċedurali u se tiżviluppa bħala azzjoni korrettiva pjan ta' kontinġenza biex jittaffa l-impatt ta' avvenimenti mhux mistennija;

– L-EU-OSHA għandha żewġ osservazzjonijiet:

  1. Irregolaritajiet fl-għoti ta' tliet proċeduri nnegozjati ma' operatur ekonomiku wieħed, mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt li skont il-Qorti ma ssodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 11.1(c) tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju u li fl-2023 wassal għal EUR 67 100 f'pagamenti irregolari; jieħu nota tat-tweġiba tal-EU-OSHA li kienet f'sitwazzjoni ta' urġenza estrema u ma kellha l-ebda għażla vijabbli oħra biex tiżgura l-kontinwità tal-operat;

  2. Żewġ kuntratti mogħtija direttament irriżultaw f'pagamenti irregolari ta' EUR 29 700; jinnota li dawn il-kuntratti kellhom jiġu kkombinati fi proċedura kompetittiva waħda peress li kienu għal servizzi kważi identiċi, bi ksur tal-Artikolu 160 tar-Regolament Finanzjarju, li jipprojbixxi l-qsim tal-kuntratti; jinnota li l-EU-OSHA se ttejjeb id-dokumentazzjoni tal-prospetti tas-suq tagħha u tesplora għodod alternattivi ta' akkwist;

100. Itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li, meta jimplimentaw kuntratti qafas, l-aġenziji kkonċernati għandhom jużaw biss kuntratti speċifiċi biex jakkwistaw prodotti jew servizzi koperti mill-kuntratt qafas

assoċjat; itenni wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-aġenziji kkonċernati għandhom jiżguraw ukoll li jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju għall-modifika tal-kuntratti eżistenti, li l-kuntratti speċifiċi jiddefinixxu l-kwantitajiet tal-prezzijiet u ż-żminijiet għall-konsenja u li l-implimentazzjoni tal-kuntratti tkun soġġetta għal kontrolli adegwati relatati ma' dawn l-elementi ewlenin;

101. Ifakkar fl-importanza li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku kollha jiżguraw oġġetti u servizzi ta' kwalità, kompetizzjoni ġusta bejn l-offerenti u li l-oġġetti u s-servizzi li jiġu akkwistati jkunu dawk l-aktar vantaġġjużi ekonomikament, filwaqt li jagħtu preferenza lill-kumpaniji Ewropej fuq kumpaniji mhux Ewropej u filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji tat-trasparenza, tal-proporzjonalità, tat-trattament indaqs u tan-nondiskriminazzjoni;

102. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-akkwist bejn l-EUAN u l-Kummissjoni Ewropea;

103. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni fi ħdan l-aġenziji, kemm għall-operazzjonijiet interni u għall-ġestjoni, kif ukoll għall-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni proċedurali; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jibqa' proattiv; jappoġġja, f'dan ir-rigward, aktar investimenti fl-għodod diġitali u l-innovazzjoni biex jittejbu l-kompiti proċedurali, kif ukoll biex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji;

Il-politika dwar il-persunal, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni, il-kunflitt ta' interess u l-prevenzjoni tal-frodi

104. Jinnota li, fl-2023, it-33 aġenzija deċentralizzata rrapportaw li jimpjegaw total ta' 10 580 membru tal-persunal (meta mqabbel ma' 10 146 fl-2022), li jinkludu uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati (SNEs), li jirrappreżentaw żieda ta' 4,27 % meta mqabbel mal-2022;

105. Jinnota li ġew irreġistrati każijiet ta' burnout (b'kollox 25) f'sitt aġenziji, jiġifieri l-EASA (ħames każijiet), l-EEA (erba' każijiet), l-EFCA (każ wieħed), l-EFSA (żewġ każijiet), l-EMA (għaxar każijiet) u l-Europol (tliet każijiet); jinnota madankollu, li mhux l-aġenziji kollha, inklużi l-ECDC, l-ECHA, l-EMSA, l-ENISA, l-ERA, l-FRA, il-Frontex, jiġbru data relatata ma' każijiet ta' burnout minħabba l-protezzjoni tad-data; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' ġbir ta' data medika peress li din hija importanti sabiex jiġi segwit il-benesseri mentali tal-persunal tal-aġenziji; iħeġġeġ lill-aġenziji jieħdu azzjoni immedjata biex jindirizzaw l-għadd dejjem jikber ta' każijiet ta' burnout fost il-persunal; jinnota li fl-2022 diversi impjegati għamlu s-sahra fi 19-il aġenzija (13 fl-2021); jinnota b'mod partikolari li għadd kbir ta' impjegati għamlu s-sahra fl-EFSA (81 % tal-persunal) u l-Eurofound (97 % tal-persunal); ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-importanza li tiġi żviluppata politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani,

inklużi strutturi ta’ appoġġ għas-saħħa mentali, li tiżgura approċċ komprensiv għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inklużi dispożizzjonijiet għat-telexogħol u l-iżvilupp tal-karriera; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li jiġu ssalvagwardjati s-saħħa mentali u l-benesseri tal-persunal;

106. Jinnota li d-Direttur tal-EIT, waqt li tkellem f’isem in-Network tal-Aġenziji tal-UE, fl-4 ta’ Diċembru 2024, matul il-laqgħa tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, qabel li jwettaq riċerka dwar it-tipi ta’ kuntratti għall-persunal tat-tindif li jaħdem fl-aġenziji deċentralizzati; jitlob lin-Network tal-Aġenziji tal-UE jinforma lill-awtorità ta’ kwittanza dwar it-tipi ta’ kuntratti tal-persunal tat-tindif li jaħdem fl-aġenziji deċentralizzati, inkluż il-proporzjon ta’ kuntratti fit-tul u fuq terminu qasir;

107. Jappoġġja l-isforzi kontinwi tal-Frontex biex issaħħaħ lill-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali tagħha, filwaqt li jinnota r-reklutaġġ ta’ 46 Osservatur tad-Drittijiet Fundamentali fl-2023; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-Osservaturi tad-Drittijiet Fundamentali kollha jiġu reklutati fil-grad AD, biex ikomplu jissaħħu l-kapaċità u l-indipendenza tagħhom; jirrikonoxxi li l-Frontex ħadet passi sinifikanti biex twieġeb għall-opinjonijiet tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, b’mod partikolari dwar kwistjonijiet bħall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-traffikar tal-bnedmin;

108. Jinnota bi tħassib li, fl-2023, ir-rata tad-dawran tal-persunal kienet aktar minn 5 % fi 18 minn 33 aġenzija (jiġifieri s-Cedefop, is-CEPOL, l-EBA, l-EFCA, l-EIGE, l-EIOPA, l-EIT, l-ELA, l-EUDA, l-EUAA, l-eu-Lisa, il-Eurofound, il-Eurojust, il-Europol, l-EUSPA), u li tlieta minnhom qabżu r-rata ta’ 10 % (jiġifieri l-Uffiċċju tal-BEREC, is-CdT, il-Eurojust); ifaħħar lill-aġenziji li ħadu miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu rati għoljin ta’ dawran tal-persunal; jenfasizza l-importanza li l-aġenziji kollha jimplimentaw miżuri bil-ħsieb li jtejbu l-ġestjoni u ż-żamma tat-talent; jistrieħ fuq l-EUAN biex ikun forum għall-aġenziji membri tiegħu fir-rigward tal-iskambju ta’ prattiki tajba u, meta jkun possibbli, jagħmel ħidma kollettiva f’dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja b’mod attiv lill-aġenziji fir-reklutaġġ tal-għarfien espert meħtieġ biex iwettqu l-mandati tagħhom, filwaqt li tinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-universitajiet u ma’ istituzzjonijiet rilevanti oħra;

109. Jenfasizza li l-bilanċ ġeografiku għadu sfida għal diversi aġenziji li għalihom perċentwali konsiderevoli tal-membri tal-persunal kumplessiv tagħhom huma ċittadini tal-Istat Membru fejn jinsabu l-aġenziji;

110. Jirrikonoxxi li l-attrazzjoni tat-talent u l-iżgurar ta’ forza tax-xogħol ġeografikament diversa huma marbuta mal-ispeċifiċitajiet individwali tal-aġenziji (eż. il-post, l-infrastruttura, l-edukazzjoni, il-qasam tal-politika), kif ukoll ma’ fatturi esterni li jillimitaw (eż. kompetizzjoni

mas-settur privat, inċertezza tax-xogħol minħabba kuntratti fuq żmien qasir, koeffiċjenti ta' korrezzjoni baxxi); jinnota b'apprezzament mir-rapport ta' segwitu tal-EUAN għall-kwittanza għall-2021, l-azzjonijiet meħuda mill-EUAN biex jirrimedja n-nuqqas ta' attrazzjoni u jtejjeb ir-rappreżentattività tal-persunal tal-aġenziji f'termini ta' età, ġeneru u oriġini ġeografika;

111. Ifakkar li l-aġenziji li jinsabu f'pajjiżi b'koeffiċjent ta' korrezzjoni relattivament baxx qed jiffaċċjaw sfidi kontinwi biex jattiraw persunal ikkwalifikat u ġeografikament divers; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza din il-kwistjoni flimkien mal-Istat Membru rispettiv u tikkunsidra l-użu ta' inċentivi ekonomiċi biex tgħin sabiex il-problema tittaffa; ifakkar, barra minn hekk, li l-koeffiċjent ta' korrezzjoni jqiegħed fil-prattika l-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali;

112. Jenfasizza li xi aġenziji jagħmlu użu estensiv minn konsulenti esterni, prinċipalment fil-qasam tal-ICT iżda wkoll fl-oqsma tan-negozju ewlieni tagħhom, li jikkostitwixxu partijiet sinifikanti tal-baġit operattiv tagħhom (eż. l-ACER, l-ETF, l-ELA, eċċ.); jistieden lill-aġenziji kollha jagħtu prijorità lill-persunal permanenti fuq il-konsulenti esterni u l-persunal bil-kuntratt, sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja, u għall-prevenzjoni tat-telfien tal-għarfien u l-esperjenza; jistieden, barra minn hekk, lill-aġenziji jipprevjenu l-inċertezza tal-impjiegi minħabba kuntratti fuq terminu qasir u jagħtu prijorità lill-impjiegi fit-tul; jappella, f'dan ir-rigward, għall-flessibbiltà għall-aġenziji biex jikkonvertu karigi ta' esperti nazzjonali sekondati (ENS) f'karigi ta' aġenti temporanji, filwaqt li jiżguraw iż-żamma tal-għarfien espert, il-funzjonalità operattiva u l-kontinwità tal-operat; jinsisti wkoll li tiġi evitata l-esternalizzazzjoni tal-kompiti għall-konsulenzi meta l-għarfien ikun disponibbli internament;

113. Jirrikonoxxi l-progress li sar fi ħdan l-aġenziji biex jilħqu bilanċ bejn il-ġeneri fost il-persunal tagħhom: jappella sabiex jiġu intensifikati l-isforzi biex jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri anke fil-livell tal-maniġment superjuri u biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi integrata sistematikament fil-politiki, fil-proċeduri u fl-attivitajiet kollha tal-aġenziji;

114. Jistieden lill-Aġenziji jistabbilixxu miri u skedi ta' żmien ċari biex jinkisbu l-bilanċ bejn il-ġeneri u d-diversità ġeografika fil-maniġment superjuri u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jirrapportaw b'mod sistematiku dwar il-progress;

115. Jinnota li d-distribuzzjoni tal-ġeneru tjiebet fl-2023 meta mqabbla mal-2022 fil-livell tal-maniġment superjuri u intermedju [1] u fost il-

[1] B'64 % rġiel u 36 % nisa (67 % u 33 %, rispettivament fl-2022). B'54 % rġiel u 46 % nisa (54 % u 46 %, rispettivament fl-2022).

membri tal-bord maniġerjali [1]; jinnota li l-bilanċ bejn il-ġeneri rrapportat għall-persunal b'mod ġenerali [2] ma nbidilx; iħeġġeġ lill-ACER, lill-Uffiċċju tal-BEREC, lis-Cedefop, lill-ECDC, lill-ECHA, lill-EFSA, lill-EIOPA, lill-EMCDDA, lill-EMSA, lill-ENISA, lill-ERA, lill-eu-Lisa, lill-ELA, lill-Europol, lill-EUAA, lill-EUSPA, u lill-Frontex jappoġġjaw lin-nisa meta japplikaw għal-pożizzjonijiet ta' maniġment; itenni l-appelli tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex josservaw il-bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw u jaħtru membri tal-maniġment jew tal-bordijiet amministrattivi; ifakkar fl-ambizzjoni tal-aġenziji li jallinjaw ruħhom mal-Kummissjoni biex jilħqu bilanċ bejn il-ġeneri ta' 50 % fil-livelli kollha tal-maniġment tagħhom sal-aħħar tal-2025; jistieden lill-aġenziji jkomplu jqisu dawn l-aspetti fir-rigward tar-reklutaġġ futur kollu tal-persunal u jaħdmu lejn it-titjib ulterjuri tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell tal-maniġment superjuri;

116. Iħeġġeġ lill-aġenziji deċentralizzati jsaħħu l-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha, filwaqt li jiżguraw opportunitajiet indaqs fir-reklutaġġ, fil-progressjoni tal-karriera u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal kollu; iħeġġeġ lill-aġenziji kollha jadottaw u jimplimentaw strateġiji robusti ta' diversità u inklużjoni li jippromwovu l-ġustizzja u l-bilanċ, filwaqt li jiżguraw opportunitajiet indaqs u rappreżentanza tan-nisa u l-minoranzi f'pożizzjonijiet ta' tmexxija; jistieden lill-aġenziji jiżviluppaw strateġiji komprensivi biex jivvalutaw il-progress u jidentifikaw oqsma għal titjib; ifakkar li l-Parlament se jivvaluta l-konformità ma' dawn il-prinċipji fil-proċess ta' kwittanza annwali;

117. Jinnota li l-aġenziji kollha stabbilew miżuri biex itejbu l-benesseri tal-persunal fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jinnota li l-għadd u l-impatt ta' tali miżuri jvarjaw b'sinifikanti minn aġenzija għall-oħra u li ma jidher li jeżisti l-ebda qafas komuni ta' referenza fost l-aġenziji; jistieden lill-EUAN jikkoordina l-isforzi għall-iżvilupp ta' qafas komuni ta' referenza f'dan ir-rigward; jinnota b'sodisfazzjon li l-maġġoranza l-kbira tal-aġenziji stabbilew miżuri għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà; iħeġġeġ lill-aġenziji jżommu prattiki tajbin tal-benesseri tal-persunal, l-inklużjoni u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà u jkomplu jindirizzaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll it-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera; jisħaq fuq l-importanza li jiġu intensifikati l-isforzi biex jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku fost il-persunal istituzzjonali u fil-pożizzjonijiet maniġerjali superjuri; jissottolinja r-rwol utli li l-iskambji tal-aħjar prattika jista' jkollhom fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal; jistieden lill-aġenziji jipprovdu taħriġ rilevanti u regolari lill-persunal tagħhom;

118. Iħeġġeġ lill-aġenziji kollha jimplimentaw politika għas-salvagwardja tad-dinjità personali u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u

---

1 Bi 58 % rġiel u 42 % nisa (60 % u 40 %, rispettivament fl-2022).
2 B'54 % rġiel u 46 % nisa (54 % u 46 %, rispettivament fl-2022).

sesswali u jipparteċipaw fit-task force interaġenzjali ta’ konsulenti kunfidenzjali; jitlob, f’dan ir-rigward, l-introduzzjoni ta’ taħriġ preventiv obbligatorju kontra l-fastidju li għandu jiġi segwit mill-impjegati tal-aġenziji tal-UE; jinnota, bi tħassib li, skont it-tweġibiet għall-kwestjonarju standard, l-ENISA kkomunikat lill-awtorità ta’ kwittanza li żewġ inkjesti amministrattivi relatati ma’ allegat fastidju kienu miftuħa fl-2023; barra minn hekk, hija tat l-informazzjoni li waħda minnhom ingħalqet fl-2024 wara li rċeviet rapport finali mill-OLAF; jistenna li l-Aġenzija ssegwi bir-reqqa l-każijiet li għaddejjin bħalissa, kif ukoll tintroduċi miżuri b’saħħithom biex tipprevjeni kwalunkwe każ simili fil-futur; jistieden lill-aġenziji jwettqu rappurtar regolari, permezz tar-rapport ta’ segwitu, dwar il-progress f’dan il-qasam;

119. Jinnota li l-kunflitt ta’ interess perċepit jista’ jikkostitwixxi riskju għar-reputazzjoni tal-aġenzija u li għandu jiġi indirizzat anke jekk jirriżulta li ma jkunx sostanzjat;

120. Iħeġġeġ lill-Aġenziji kollha jkomplu jsaħħu l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta’ interess, inklużi d-dikjarazzjonijiet sistematiċi tal-interessi mill-maniġment superjuri, l-esperti esterni u l-membri tal-bord tat-tmexxija, ippubblikati b’mod proattiv u aċċessibbli;

121. Jissottolinja l-importanza li tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza tal-aġenziji tal-UE minn influwenza mhux xierqa tal-industrija biex tinżamm il-fiduċja pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom; jesprimi tħassib dwar in-nuqqasijiet regolatorji u l-kunflitti ta’ interess potenzjali fi ħdan ċerti aġenziji; jenfasizza kwistjonijiet relatati ma’ rabtiet mill-qrib mal-industrija u rapporti ta’ influwenza indebita, b’mod partikolari permezz ta’ revolving doors bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-kumpaniji privati; jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ trasparenza akbar, mekkaniżmi ta’ sorveljanza aktar b’saħħithom u impenn sod biex tingħata prijorità lis-saħħa u s-sikurezza pubblika fuq l-interessi finanzjarji;

122. Jinnota li, għall-2023, il-Qorti ma rrapportat l-ebda każ ewlieni ta’ kunflitt ta’ interess bl-eċċezzjoni tal-Frontex u tal-EMCDDA;

123. Iqis li bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-aġenziji għandhom proċeduri robusti u komprensivi stabbiliti biex iqajmu kuxjenza u jipprevjenu l-kunflitti ta’ interess, filwaqt li jagħtu l-aċċertament meħtieġ tal-indipendenza tal-membri tal-persunal tagħhom lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku;

124. Jinnota b’sodisfazzjon il-kollaborazzjoni b’saħħitha mal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, b’mod partikolari l-konklużjoni ta’ arranġament ta’ ħidma ġdid mal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF), il-ftuħ ta’ 15-il każ ġdid fejn il-Eurojust appoġġjat lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), kif ukoll il-kooperazzjoni dwar 42 każ mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-

Infurzar tal-Liġi (Europol), jisħaq li l-Eurojust u l-Europol nedew proġett pilota għall-iskambju sistematiku u strutturali ta' data għall-finijiet ta' detezzjoni tal-links, li se jiġi rieżaminat fl-ewwel nofs tal-2024; jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni Eurojust-OLAF 2022-2023 għall-ġlieda kontra r-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea;

Kontroll intern

125. Jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-Qorti fil-qasam tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li jaffettwaw 9 aġenziji, jiġifieri l-EMA, il-Europol, l-EUSPA, il-Eurofound, l-EIT, il-Eurojust, l-ACER, l-ENISA u l-EEA;

126. Jenfasizza li fil-każ tal-Europol u tal-EIT, fl-2023, tnejn minn tliet osservazzjonijiet irriżultaw f'pagamenti irregolari;

127. Ifakkar li fl-2022, il-Qorti sabet li l-Europol kienet irrimborżat b'mod irregolari l-VAT permezz ta' għotjiet lill-awtoritajiet pubbliċi billi qisitha bħala spiża eliġibbli u li fl-2023 ir-rimborż għal dan il-kunċett kien jammonta għal EUR 279 900; jilqa' d-deċiżjoni tal-Europol li ma tibqax tikkunsidra l-VAT bħala spiża eliġibbli għal għotjiet operazzjonali ġodda;

128. Jinnota li fil-każ tal-EIT, waħda mill-osservazzjonijiet tifforma l-bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti sottostanti għall-kontijiet li ġew deskritti taħt l-intestatura "Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar" ta' din ir-riżoluzzjoni;

129. Huwa mħasseb li t-tieni osservazzjoni tal-Qorti dwar l-EIT tirreferi għall-bidla tal-aġenzija għal struttura ta' ftehim ta' għotja pluriennali, iżda l-proċeduri u l-linji gwida għall-kontrolli *ex post* tal-pagamenti ta' għotjiet ma ġewx aġġornati biex iqisu l-implikazzjonijiet; jilqa' l-fatt li l-EIT diġà jinsab fil-proċess li jaġġorna l-mekkaniżmu ta' kontroll *ex post* tiegħu biex jindirizza dawn l-implikazzjonijiet;

130. Huwa konxju li matul l-ewwel trimestru tal-2023, l-EMA wettqet migrazzjoni tad-data iżda ma rrispettatx l-iskadenzi għal 48 spezzjoni veterinarja, li rriżulta f'dewmien sinifikanti fil-ħruġ tal-fatturi mhux irrapportat fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet u dħul riżervat b'mod żbaljat; jinnota li dan imur kontra r-regolament finanzjarju tal-EMA u jiżvela dgħufija fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħha; jieħu nota tal-għan tal-EMA li ttejjeb il-proċess fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Tariffi l-Ġodda;

131. Jinnota li l-Eurofound għamlet pagament ta' EUR 38 600, marbut ma' kuntratt għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-data tal-istħarriġ mingħajr ma ġabret xi dokumenti ġustifikattivi ewlenin relatati mar-riżultati kuntrattwali;

132. Jinnota li, fl-2023, il-Eurojust osservat żieda fit-tranżazzjonijiet mhux standard ikklassifikati bħala eċċezzjonijiet jew avvenimenti ta'

nuqqas ta’ konformità, bl-għadd jikber minn 43 għal 71 u l-ammont totali kkonċernat jiżdied minn EUR 294 000 għal EUR 566 400 meta mqabbel mal-2022; jirrikonoxxi r-rispons tal-Eurojust għall-osservazzjoni li tattribwixxi l-maġġoranza tal-avvenimenti ta’ nuqqas ta’ konformità totali fl-2023 għal avveniment wieħed għal għotja fir-rigward tal-Iskwadra ta’ Investigazzjoni Konġunta (JIT); jieħu nota li skont l-Aġenzija, iż-żieda hija primarjament dovuta għal riżorsi umani insuffiċjenti u ineffiċjenzi fil-proċess intern u jilqa’ l-fatt li l-Eurojust indirizzat il-kwistjoni billi rrevediet il-proċedura attwali għar-reġistrazzjoni u għar-rapportar ta’ avvenimenti ta’ nuqqas ta’ konformità fl-2024;

133. Jinnota li d-direttur eżekuttiv tal-EUSPA kien ikkonferma bidu bikri għall-attivitajiet ta’ monitoraġġ qabel l-iffirmar ta’ ftehim ta’ għotja, li rriżulta fit-twettiq ta’ attivitajiet mingħajr impenn baġitarju; jenfasizza li dan ma ġiex irrapportat fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet jew fir-rapport annwali tal-attività, li jmur kontra r-Regolament Finanzjarju; jinnota li l-EUSPA targumenta li ma kienx hemm bżonn li jiġi rreġistrat il-bidu bikri tal-attivitajiet mingħajr impenn baġitarju fir-Reġistru tal-Eċċezzjonijiet iżda tirrikonoxxi li l-każ ma ġiex irrapportat fir-rapport annwali tal-attività kif meħtieġ;

134. Jieħu nota tal-ħatra mill-ACER ta’ uffiċjal tal-kontabbiltà ġdid, li kien ukoll il-mexxej tat-tim tal-baġit, tal-finanzi u tad-dipartiment tal-akkwist, bi ksur tar-regolament finanzjarju tal-ACER li jirrikjedi segregazzjoni tad-dmirijiet għall-uffiċjali awtorizzanti u għall-uffiċjali tal-kontabbiltà; huwa konxju li mill-1 ta’ Mejju 2024 seħħet riorganizzazzjoni, u l-kap tat-tim tal-Baġit, tal-Finanzi u tal-Akkwist tneħħewlha d-dmirijiet ta’ tmexxija tat-tim tagħha;

135. Jinnota li f’Settembru 2023, id-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA ppermetta lil 15-il membru tal-persunal *interim* jassumu rwoli fiċ-ċirkwit finanzjarju mingħajr approvazzjoni minn qabel, bi ksur tar-regolamenti; huwa konxju li skont it-tweġiba tal-aġenzija, l-ENISA kienet qed tuża aġenti interim u SNEs minħabba l-ħtiġijiet tan-negozju u n-nuqqas ta’ riżorsi, u se tfittex li tidderoga mir-regoli finanzjarji jekk in-nuqqas ta’ riżorsi jippersisti;

136. Jinnota, barra minn hekk, li l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-ENISA nħatar ukoll bħala l-Koordinatur tal-Kontroll Intern, li huwa kuntrarju għar-regolamenti li jistipulaw is-segregazzjoni tad-dmirijiet; jieħu nota tar-rikonoxximent mill-ENISA tal-osservazzjoni, iżda jqis ir-rwoli tal-Koordinatur tal-Kontroll Intern u tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà mhux neċessarjament inkompatibbli peress li l-Uffiċjal Awtorizzanti ma kien iddelega l-ebda setgħa lill-Koordinatur tal-Kontroll Intern; jilqa’ l-fatt li l-ENISA se tiċċara r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Koordinatur tal-Kontroll Intern fil-proċessi interni tagħha; jappella sabiex il-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwar il-progress inkwistjoni qabel it-30 ta’ Ġunju 2025;

137. Josserva li l-EEA approvat pagamenti ta’ għotjiet ta’ somma f’daqqa mingħajr ma setgħet turi kif ġie kkalkolat l-ammont, u dan joħloq riskju li ma kienx proporzjonat mas-servizzi pprovduti; jieħu nota li l-EEA tqis li d-deċiżjoni bil-miktub dwar il-ħlas ta’ somma f’daqqa hija konformi bis-sħiħ mal-klawżoli rilevanti tar-Regolament Finanzjarju; jisħaq li l-Aġenzija se tiżgura li l-ammonti ta’ somma f’daqqa jiġu ddeterminati u dokumentati kif xieraq għal każijiet fejn l-ispejjeż jiġu ddikjarati minn kumpanija magħmula minn persuna waħda/sieħeb li jaħdem għal rasu fl-ETCs (Ċentri Tematiċi Ewropej) [1];

138. Jieħu nota li l-EEA esternalizzat kontrolli finanzjarji *ex ante* lil kuntrattur estern u li l-Qorti sabet nuqqasijiet fl-arranġamenti ta’ kontroll; jinnota li b’rispons għal dan, l-EEA rrikonoxxiet l-osservazzjoni tal-Qorti u se taġġorna l-proċeduri għal kontrolli *ex ante* biex tiżgura li dan ir-riskju jiġi indirizzat;

139. Jistieden lill-aġenziji jimplimentaw minnufih u sistematikament l-osservazzjonijiet tal-Qorti u jieħdu miżuri korrettivi konkreti biex jindirizzaw id-dgħufijiet identifikati fil-qafas ta’ kontroll intern; iħeġġeġ l-istabbiliment ta’ miżuri ta’ obbligu ta’ rendikont aktar stretti, li jiżguraw li kwalunkwe defiċjenza persistenti twassal għal azzjonijiet korrettivi mmirati u konsegwenzi għal nuqqas ta’ konformità ripetut;

Ċibersigurtà, etika u trasparenza

140. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta’ sigurtà kollha meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità online tal-informazzjoni pproċessata, jinsisti li tiżdied ir-reżiljenza tal-aġenziji għal attakki ċibernetiċi jew tentattivi ta’ infiltrazzjoni li joriġinaw b’mod partikolari mir-Russja jew minn kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jissottolinja li l-akkwist konġunt f’dan il-qasam bejn l-aġenziji jista’ jirriżulta fi spejjeż finanzjarji mnaqqsa u riżultati mtejba;

141. Jilqa’ l-kooperazzjoni tal-FRA mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) dwar is-salvagwardja tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data matul l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ inizjattivi taċ-ċibersigurtà, u mal-eu-Lisa dwar il-garanzija li d-disinn u l-użu tas-sistemi tal-IT jaderixxu mal-istandards tad-drittijiet fundamentali.

142. Jinnota li l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni Ewropea stabbilew diversi mekkaniżmi biex jindirizzaw l-attivitajiet ta’ trasparenza u ta’ lobbjar fl-oqsma ta’ politika rispettivi tagħhom; jissottolinja, madankollu, li, skont il-Qorti, l-aġenziji mhux dejjem jirnexxilhom

---

[1] Iċ-Ċentri Tematiċi Ewropej (ETCs) huma konsorzji ta’ organizzazzjonijiet f’pajjiżi membri taż-ŻEE b’għarfien espert f’oqsma ambjentali speċifiċi, imqabbda mill-EEA biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-programmi ta’ ħidma tal-EEA: https://www.eionet.europa.eu/etcs.

jiksbu livelli sodisfaċenti ta’ trasparenza u valur għall-flus f’offerti b’regoli u proċeduri tal-akkwist kumplessi [1]; jinnota bi tħassib il-kwistjonijiet li fadal rigward it-trasparenza, li min-naħa tagħhom jaffettwaw il-koerenza, l-effikaċja u fuq kollox l-obbligu ta’ rendikont;

143. Jenfasizza l-progress pożittiv fl-implimentazzjoni tal-miri tad-Drittijiet Fundamentali, inkluża l-eżekuzzjoni kontinwa tal-Pjan ta’ Azzjoni għad-Drittijiet Fundamentali u l-evalwazzjoni indipendenti tal-konformità tal-Aġenzija mal-Qafas tad-Drittijiet Fundamentali, f’konformità mar-Regolament EBCG; jilqa’ s-segwitu proattiv mill-Frontex dwar l-ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali, fejn il-maġġoranza ġiet miċħuda minħabba nuqqas ta’ ammissibbiltà; jilqa’ l-impenn imsaħħaħ tal-Frontex għat-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont;

144. Jenfasizza li, għall-finijiet ta’ ċarezza u trasparenza sħaħ u f’konformità mal-osservazzjoni tal-Qorti, l-aġenziji li jiġbru d-dħul proprju għandhom jiddivulgaw dik l-istess informazzjoni b’mod faċli biex jinftiehem fil-kontijiet annwali finali tagħhom, fir-rapporti annwali konsolidati tal-attività u fid-dokumenti uniċi ta’ programmazzjoni, peress li dawn ir-rapporti jaqdu skopijiet differenti;

145. Jinnota, barra minn hekk, li fl-2023, il-Frontex irrifjutat li tagħti aċċess pubbliku għal rapport mill-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali tagħha dwar operazzjoni tal-Frontex fl-Albanija (każ 652/2023/V), li wassal għal investigazzjoni mill-Ombudsman; l-Ombudsman ikkunsidrat li l-Frontex kellha tagħti aċċess għal xi partijiet tar-rapport u l-Frontex aċċettat il-proposta tal-Ombudsman għal soluzzjoni;

146. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-applikazzjoni tar-Reġistru tat-Trasparenza għal kuntatti esterni mhijiex obbligatorja għall-aġenziji deċentralizzati; jinnota, madankollu, li skont il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta’ Mejju 2021 [2] bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru tat-trasparenza obbligatorju, l-aġenziji għandhom il-possibbiltà li jużaw ir-Reġistru tat-Trasparenza fuq bażi volontarja;

147. Iħeġġeġ lill-aġenziji kollha jagħmlu użu minn din il-possibbiltà volontarja u jsegwu l-eżempju tal-eu-Lisa u tal-Frontex li huma l-uniċi żewġ aġenziji li qed jirrikjedu li l-kuntatti esterni ta’ partijiet terzi

---

1 Eżempju: L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) – il-QEA, p. 97; L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) – il-QEA, p. 122; Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) – il-QEA, p. 287.

2 Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta’ Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta’ Trasparenza: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj.

jirreġistraw fir-Reġistru tat-Trasparenza;

148. Jenfasizza li l-firmatarji tal-Ftehim Interistituzzjonali jippromwovu u jħeġġu l-użu tar-Reġistru tat-Trasparenza; ifakkar fit-talba qawwija biex l-aġenziji deċentralizzati kollha jagħmlu użu sħiħ mir-reġistru;

149. Jinnota li l-eu-Lisa ffukat fuq iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-theddid fil-qasam ċibernetiku, b'mod partikolari billi għamlet it-tħejjijiet meħtieġa għall-obbligi li jirriżultaw mir-regolamenti l-ġodda tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà; jenfasizza li l-eu-Lisa topera u żżomm pjattaforma ta' monitoraġġ tas-sigurtà, pjan għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà, playbooks ta' rispons, u arranġamenti ta' xogħol stand-by il-ħin kollu biex tiżgura l-identifikazzjoni f'waqtha tat-theddid ċibernetiku u r-rispons għalih; jilqa' r-rwol tal-eu-Lisa fl-appoġġ tal-eżerċizzji taċ-ċibersigurtà bejn l-aġenziji b'kooperazzjoni man-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN) [1]; jissottolinja l-importanza li l-aġenziji deċentralizzati jkollhom il-kapaċità sħiħa li jiddefendu lilhom infushom kontra l-attakki ċibernetiċi; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn eu-Lisa u l-aġenziji l-oħra biex jinbena rispons kollettiv aktar reżiljenti kontra ċ-ċiberkriminalità; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li jissaħħu l-miżuri taċ-ċibersigurtà fl-aġenziji kollha, fid-dawl tar-riskji dejjem akbar ta' theddid ċibernetiku u ksur tad-data; jappella għal investimenti addizzjonali f'infrastruttura tal-IT sigura u taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà għall-persunal tal-aġenzija; iħeġġeġ lill-aġenziji jippreżentaw rapport annwali ta' valutazzjoni tar-riskju għaċ-ċibersigurtà lill-Parlament u lill-Qorti;

150. Iħeġġeġ lill-Frontex tiżgura, mingħajr aktar dewmien, l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet kollha mill-korpi Ewropej tal-awditjar u l-iskrutinju, b'mod partikolari mill-OLAF u dawk mill-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Frontex tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman Ewropew, il-Qorti, u l-Grupp ta' Ħidma tal-Frontex dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Aspetti Operattivi Legali tal-Operazzjonijiet (WG FRaLO);

151. Jinnota li l-aġenziji kollha għandhom politika dwar l-informaturi fis-seħħ; jistieden lill-aġenziji kollha biex jiżguraw li jkollhom kanali ta' rapportar speċifiċi, sikuri u effettivi fis-seħħ f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] dwar il-whistleblowing;

152. Jesprimi ruħu favur l-inklużjoni sistematika ta' valutazzjonijiet tar-

---

[1] In-network tal-aġenziji tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI) – in-network jinkludi disa' aġenziji: is-CEPOL, l-EASO, l-EIGE, l-EMCDDA, l-eu-Lisa, il-Eurojust, il-Europol, l-FRA u l-Frontex.

[2] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

riskju speċifiċi għall-IA fl-awditi interni tal-aġenziji, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-linji gwida etiċi u mal-istandards taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni; jitlob mandat usa' tal-ENISA biex tinkludi sorveljanza speċifika tar-riskji relatati mal-użu tal-intelliġenza artifiċjali fi ħdan l-aġenziji tal-UE;

Sostenibbiltà, impatt ambjentali u inklużjoni soċjali

153. Jinnota li b'mod ġenerali, 11 [1] mit-33 aġenzija tal-UE (33 %) diġà implimentaw l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS); jieħu nota pożittiva tal-passi proattivi li qed jittieħdu minn diversi aġenziji biex jiksbu ċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS fil-futur qrib [2]; jinnota li xi wħud mill-aġenziji [3] b'baġit akbar ma kkomunikawx il-pjanijiet tagħhom li jimplimentaw l-EMAS fuq perjodu ta' żmien qasir; jieħu nota tal-fatt li l-EASA bħalissa qed tivvaluta strumenti għal titjib sistematiku u kontinwu fil-prestazzjoni ambjentali, inkluża l-EMAS u se tipprovdi aġġornament lill-awtorità ta' kwittanza aktar tard din is-sena;

154. Ifakkar li r-rapport ta' kwittanza (orizzontali) tal-2022 indika li 14-il aġenzija kien għad ma kellhomx stabbiliti l-pjanijiet ta' sostenibbiltà korporattiva; jinnota li għas-sena finanzjarja 2023 ir-rapport tal-Qorti ma pprovdiex ċifri aġġornati dwar il-kwistjoni; itenni l-importanza li l-aġenziji kollha jkollhom stabbiliti pjanijiet ta' sostenibbiltà korporattiva; iħeġġeġ lill-aġenziji jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-binjiet tagħhom;

155. Iħeġġeġ lill-Qorti taġġorna fuq bażi regolari ċ-ċifri dwar is-sitwazzjoni tal-pjanijiet sostenibbli korporattivi fl-aġenziji;

156. Jinnota li fis-sena finanzjarja 2023 l-aġenziji wrew impenn dejjem akbar għall-għanijiet ambjentali u ta' sostenibbiltà; jinnota li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) kellha rwol ċentrali fil-monitoraġġ u fir-rapportar dwar it-tibdil fil-klima u l-prestazzjoni ambjentali madwar l-Unjoni kollha; jinnota li aġenziji bħas-CINEA u l-EEA mexxew l-implimentazzjoni ta' programmi relatati mas-sostenibbiltà, u kkontribwew għal inizjattivi madwar l-UE kollha li għandhom l-għan li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju u jippromovu l-enerġija rinnovabbli;

157. Jinnota bi tħassib li, minkejja x-xejra ġenerali tal-progress, xi aġenziji ffaċċjaw diffikultajiet biex jintegraw is-sostenibbiltà fl-istrateġiji korporattivi tagħhom minħabba ineffiċjenzi proċedurali u allokazzjoni insuffiċjenti tar-riżorsi; jisħaq, għalhekk fuq il-ħtieġa ta' qafas aktar koeżiv u azzjonabbli biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-

---

1 L-EBA, l-ECDC, l-ECHA, l-EEA, l-EFSA, l-EOIPA, l-EMSA, il-Europol, il-Eurofound, l-ETF u l-ESMA.

2 L-Uffiċċju tal-BEREC, is-Cedefop, l-eu-Lisa, l-EUSPA u l-EMA.

3 L-EIT, il-Frontex, l-EUAA u l-EASA.

tul fl-operazzjonijiet tal-aġenziji;

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti mill-Qorti

158. Jinnota li l-"osservazzjonijiet" fir-rapporti annwali speċifiċi tal-aġenziji huma fil-fatt "rakkomandazzjonijiet mhux f'waqthom" mill-Qorti; jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ssegwi kull sena dawk l-osservazzjonijiet billi tivvaluta l-istatus tagħhom bħala "miftuħa" jew "magħluqa";

159. Jinnota li minn total ta' 116-il osservazzjoni magħmula mill-Qorti li jikkorrispondu għas-snin preċedenti tal-aġenziji li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni, matul l-2023 ingħalqu total ta' 58, b'total ta' 53 għadhom miftuħa u ħamsa parzjalment magħluqa; josserva li l-għadd ta' osservazzjonijiet li għaddejjin ivarja fost l-aġenziji, b'xi wħud ma jkollhom l-ebda osservazzjoni miftuħa, kif inhu l-każ għall-Uffiċċju tal-BEREC, għall-EBA, għall-ECHA, għall-EEA, għall-EMSA, għall-ENISA, għall-EU-OSHA, għall-EUSPA u għall-Eurofound, filwaqt li l-akbar għadd ta' osservazzjonijiet miftuħa huwa għall-eu-Lisa, għall-Frontex, u għall-ELA bi tmienja, sebgħa u ħamsa rispettivament; jitlob lil dawn l-aġenziji jieħdu miżuri proattivi biex isolvu dawn il-kwistjonijiet miftuħa;

160. Jieħu nota li sitta mit-53 osservazzjoni miftuħa jirreferu għal livell għoli ta' riporti (l-ACER, l-ELA, l-EFCA, l-eu-Lisa, l-FRA, il-Frontex); huwa partikolarment imħasseb li fil-każ tal-Frontex, din l-osservazzjoni ilha miftuħa mill-2018;

161. Jinnota li l-ERA għandha osservazzjoni li ilha miftuħa mill-2018 rigward il-ġbir tat-tariffi u tal-imposti għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni, li bdew fl-2019; jinnota li skont ir-regolament, għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u l-ERA hija mistennija timplimenta kontrolli effettivi biex tivverifika jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala SMEs; jistieden lill-aġenzija tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-istatus attwali ta' din il-problema u tipprovdi raġunijiet għall-istatus miftuħ kontinwu tagħha;

162. Jinnota li l-EASA akkumulat surplus ta' aktar minn EUR 50 miljun mill-attivitajiet iffinanzjati mill-industrija matul is-snin, li mhuwiex previst fir-regolament fundatur tagħha; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi soluzzjoni fil-livell leġiżlattiv biex tindirizza din il-kwistjoni;

163. Jinnota li l-ACER ilha mill-2019 tuża ħaddiema *interim* biex twettaq kompiti fit-tul biex tagħmel tajjeb għal nuqqas ta' membri tal-persunal impjegati direttament; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi postijiet addizzjonali għall-persunal statutorju;

164. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-aġenziji soġġetti għal din il-proċedura ta' kwittanza,

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).